# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 28/2021: **STEVE MALLIA (KI. 476482M) V. CATHERINE VASSALLO (KI. 411579M) U RALPH VASSALLO (KI. 375087M)**

(FIL-KORS TA' KAWZA L-PIZ TAL-PROVI JISTA JDUR MINN PARTI GHALL-OHRA – L-ONERU HUWA DISTRIBWIT B'MOD LI R-RIKORRENT IRID JIPPROVA L-FATTI TAD-DRITT PRETIZ MINNU *ACTORI INCUMBIT PROBATIO* MENTRI L-KONVENUT JRID JIPPROVA L-FATTI MINNU ALLEGATI BIEX JIKKUNSTRASTA D-DRITT PRETIZ *REUS IN EXCIPENDO FIT ACTOR* - RESPONSABBILTA' EX CONTRACTU U RESPONSABBILTA' AQUILIANA – F'AZZJONI EX CONTRACTU MIN IKUN OBBLIGA RUHU GHANDU ONERU T'A PROVA IKTAR DIFFIĊLI FUQU BILLI JRID JIĠĠUSTIFIKA L-INADEMPJENZA KUNTRATTWALI TIEGHU U JIPPROVA LI DIN SARET MINĦABBA FATTURI LI MA KELLUX KONTROLL FUQHOM – FAILURE TO CROSS EXAMINE A WITNESS WHO HAS GIVEN RELEVANT EVIDENCE FOR THE OTHER SIDE IS HELD TECHNICALLY TO AMOUNT TO AN ACCEPTANCE OF THE WITNESS'S EVIDENCE IN CHIEF)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Novembru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Steve Mallia (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fl-1 ta' Frar 2021[1] li permezz tiegħu talab lil Catherine Vassallo u Ralph Vassallo (imsejjħa "l-intimati") sabiex jidhru quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu l-għaliex m'għandhomx ikunu kkundannati li:

> **"jħallsuh is-somma ta' sitt elef ħames mija u tnejn u erbgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,542.45), oltre l-imgħax legali mill-20 ta' Settembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta'** ***catering*** **mogħtija lilhom mir-rikorrent, fuq inkarigu tagħhom stess, fit-tieġ tagħhom li seħħ nhar l-20 ta' Settembru**

[1] Fol 1-4

**2020 u dan skond ma jirriżulta mir-rendikont li kopja tiegħu ġiet hawn annessa u mmarkata bħala Dok X;**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-Art 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta datata t-2 ta' Novembru 2020 u bl-inġunzjoni tal-intimati għas- subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-30 ta' Marzu 2021[2] li permezz tagħha wieġbu kif ġej:

**"... It-talba fl-avviż tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:**

1. **Fl-ewwel lok, xejn ma huwa dovut mill-esponenti lill-attur u dan stante illi l-attur naqas milli jipprovdi s-servizz relattiv skont kif mitlub minn skond is-sengħa u l-arti.**
2. **Fit-tieni lok l-attur ma mexiex skond dak miftiehem bejn il-partijiet u kaġun ta' diversi nuqqasijiet serji da parti tal-attur, il-festa tat-tieġ tal-esponenti ġiet imħassra għal kollox.**
3. **Fit-tielet lok, l-ikel ikkunsinnat mill-attur ma kienx jilħaq il-kwalita' mistennija minnu u li kienet imwiegħda lill-intimati u dan tant illi waqt it-tieġ l-intimati skoprew li l-menu ma kienx skont l-għażla tagħhom**
4. **Fir-raba lok, l-ikel ordnat ma wasalx kollu u ma kienx dak imwiegħed lill-intimati**
5. **Fil-ħames lok, in subisdium u mingħajr preġudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub, mhux dovut u dan stante li l-konvenuti ħallsu lill-attur is-somma ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600), kompriza f'disat elef u mitt Ewro (€9,100) u ħames mitt Ewro (€500) f'tips. Oltre minn hekk, il-partijiet qatt ma ftehmu li kien għad fadlilhom iħallsu s-somma ulterjuri mitluba fl-avviż fl-ammont ta' sitt elef, ħames mija u tnejn u erbgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,642.45).**
6. **Fis-sitt lok, is somma ta' sitt elef, ħames mija u tnejn u erbgħin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€6,642.45), preżentata u mmarkata bhala Dok X mal-avviż, hija fittizja u fi kwalunkwe kaz eċċessiva.**
7. **Fis-seba lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, kwalunkwe ammont likwidat irid jiġi paċut ma' l-ammont dovut mill-konvenuti rikonvenzjonanti, hekk kif mitlub fil-kontro talba preżentata kontestwalment.**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.**

---

[2] Fol 9-10

**Bl-ispejjeż kontra l-attur illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."**

wara li rat il-kontrotalba ppreżentata mill-intimati fit-30 ta' Marzu 2021[3] li permezz tagħha ppremettew u talbu s-segwenti:

1. **"F' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-konvenuti hawn rikonvenzjonanti, kienu inkarigaw lill-attur sabiex jipprovdi servizzi ta' *catering* għall-ġurnata tat-tieġ tagħhom nhar il-għoxrin (20) ta' Settembru, 2020.**
2. **Il-konvenuti kienu ħallsu lill-attur is-somma ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600) liema somma kienet tinkludi ħames mitt Ewro (€500) f' tips. Minkejja dan, sal-ġurnata tal-lum l-ebda fiscal receipt ma ingħatat lill-konvenuti għal pagamenti li għamlu lill-attur.**

3. **L-attur rikonvenzjonat naqas milli jipprovdi s-servizz relattiv skont kif mitlub minnu skont is-sengħa u l-arti.**

4. **Il-ġurnata tat-tieġ tal-konvenuti rikonvenzjonanti kienet ta' livell ferm aktar baxx minn dak imwiegħed mill-attur rikonvenzjonant, fost oħrajn billi l-ikel servut waqt it-tieġ u anke s-servizz pretiż minn Steve Mallia u mill-istaff inkarigat minnu kien ferm inqas minn dak pattwit, tant illi l-inkompetenza tal-attur waslet sabiex irrovinat il-ġurnata tat-tieġ tal-esponenti.**

**Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenuti rikonvenzjonant umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, tikkundanna lir-rikonvenzjonant attur irodd lura, flimkien mal-interessi, is-somma ta' disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600) liema somma kienet mgħoddija lil Steve Mallia mill-konjugi Vassallo.**

**Bl-ispejjez u bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kontra r-rikonvenzjonat Steve Mallia, mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tar-rikorrent, għall-kontrotalba tal-intimati, ppreżentata fis-26 ta' April 2021[4] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

**"Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konjuġi Vassallo huma manifestament infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet li jsegwu:**

1. **Illi l-irċevuta fiskali tinħareg biss meta jithallas il-bilanċ kollu li jkun dovut. Sallum dan il-bilanċ għadu mhux imħallas tant li l-esponenti kellu jibda dawn il-proceduri biex jiġbor il-bilanċ li għad fadal mingħand il-konvenuti Vassallo.**

---

[3] Fol 11
[4] Fol 20

2. **Illi bhal ma ser jirrizulta ampjament tul dawn il-proceduri , mhux minnu illi l-esponenti ma mexiex skond is-sengħa u l-arti u/jew li ma rrendiex servizzi ta' *catering* skond il-kwalita' pattwita'.**

3. **Illi minkejja l-varji tibdiliet li kien hemm fl-ordnijiet li saru da parti tal-intimati, l-esponenti pprovda eżattament is-servizz li kellu joffri, inkluz l-*items* kollha li kien hemm fuq il-*menu* li maqbul mal-intimati, skond it-termini kollha li kien maqbula magħhom. Anzi dak li għandu jinghad hu illi l-esponenti minn jeddu fuq numru ta' *items* għolla a spejjez tiegħu il-kwalita' ta' uħud minn l-items u saħansitra ħallas minn butu għal numru ikbar ta' waiters minn dawk li kienu qed jinsistu li jkun hemm l-intimati u dan sabiex jkun jista' joffri s-servizz kif titlob is-sengha, u minkejja r-restrizzjonijiet kollha li kien hemm minħabba l-miżuri dwar il-pandemija COVID-19. Għaldaqstant m'hemm assolutament l-ebda raġuni għaliex l-esponenti għandu jirrifondi xejn lill-intimati Vassallo.**

**Salv eccezzjonijiet oħrajn permissibli skond il-Liġi"**

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali matul is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Carl Grech
- għan-nom tal-intimati, mill-Avukat Dr. Rebecca Mercieca,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża ġiet miftuħa mir-rikorrent sabiex l-intimati jiġu kkundannati jħallsuh il-bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' *catering* in konnessjoni mat-tieġ tagħhom li seħħ fl-20 ta' Settembru 2020. Dan il-bilanċ skond ir-rikorrent huwa ta' € 6,542.45. L-intimati min-naħa tagħhom jikkuntestaw mhux biss dan l-ammont billi jgħidu li qatt ma ftehmu fuq dan il-bilanċ u li huwa ukoll eċċessiv, iżda inoltre ippreżentaw kontrotalba għar-rifużjoni tal-ammont imħallas minnhom lill-intimat bil-quddiem, ossia' dak ta' € 9,600, peress illi skond huma s-servizzi mogħtija inkluż l-ikel ma kienux skond is-sengħa u l-arti tant illi rrovinalhom it-tieġ.

**Provi**

2. Fid-29 ta' Lulju 2021 ir-rikorrent **Steve Mallia** ippreżenta l-affidavit tiegħu[5] fejn fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

   a. Qal li jaħdem bħala *chef professjonali* u li ilu f'din il-linja ta' xogħol għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Huwa kien *head chef* f'numru ta' lukandi 5 star bhal Phoenicia Hotel, Hilton Hotel u Le Meridien u anke serva nies distinti bħar-Reġina tal-Ingilterra, u dan mingħajr problemi. Kien ukoll chef mal-Maypole u ma' James Caterers sakemm fetaħ għar-rasu.

   b. Spjega kif bħala parti mix-xogħol tal-*catering* huwa jagħmel ukoll tiġijiet u di fatti kien kellmu l-intimat, Ralph Vassallo, li ukoll huwa chef, sabiex jieħu ħsieb il-*catering* fit-tieġ tiegħu. Huwa u l-intimat jafu lil xulxin għaliex kienu jaħdmu flimkien għal xi tlett snin u nofs, u anke ħadmu ħafna tiġijiet flimkien u siefru f'kompetizzjonijiet barra minn Malta.

   c. Spjega kif l-intimat kien jaf it-tip ta' xogħol illi huwa jipproduċi u b'hekk kien staqsieh għal stima. Huwa kien għalhekk ipprovdielhom numru ta' *menus*[6] li minnhom setgħu jagħżlu liem jippreferu. Huwa qal li peress li kien ħabib tal-intimat kien ħa ħsieb iraħħas il-prezzjijiet bil-lest.

   d. Fis-6 ta' Awissu 2019 huwa kiteb lill-intimati u għaddielhom il-*menus* imsemmija u anki tahom lista ta' *staff* li kien ser ikollu bżonn biex jaqdihom. Spjega li ssuġġerixxa żewġ *chefs* bir-rata ta' € 80 il-wieħed għal tmien sigħat u € 15 fis-siegħa għal kull siegħa li tmur oltre it-tmien sigħat. Kellu bzonn ukoll żewġ assistant chefs bir-rata ta' € 60 il-wieħed għal tmien siegħat u € 10 fis-siegħa jekk jiskorru t-tmien sigħat. Kellu l-ħtieġa ukoll ta' żewġ jew tlett waiters, erba barmen, runner, seba waiters għall-ikel, erba waiters għat-tazzi, tlett cleaners fejn dawn kollha kellhom jitħallsu € 60 għal tmien sieghat u € 10 fl-overtime.

   e. Huwa qal li l-intimati  kien għamlu numru ta' tibdiliet fl-ordni tagħhom. L-ewwel intalab jagħmel *hot dog stand* għal 40 tifel u tifla u għalhekk huwa aġġorna l-istima. Wara talbuh ukoll varjazzjonijiet oħra u għalhekk tahom *menus* ġodda. Huma imbagħad għalhekk għażlu wieħed minnhom u biddlu

[5] Fol 24-27
[6] Ir-rikorrent għamel riferenza għal Dok SMZ1 li però ma ġiex anness mal-*affidavit* tiegħu. Mill-atti proċesswali jidher li r-rikorrent kien qiegħed jalludi għall-*menus* indikati a fol. 250-259.

fehmthom tlett darbiet dwar liema kien ser jagħżlu. Huwa qal li l-ewwel għażlu l-iktar *menu* għoli u imbagħad għażlu l-irħas wieħed. Iżda wara bdew iżidu ħafna affarijiet oħra li kienu għaljin bħall-*oysters* u s-*sushi* u minkejja li kien diġa tahom tlett stimi dawn biddlulu l-items reġgħu.

f. Sar tibdil ieħor u dan dwar id-data tat-tieġ. Hu xorta offrielhom li jżomn l-istess prezzijiet minkejja li l-ispejjeż tiegħu setgħu jiżdiedu. Ir-rikorrent spjega li l-*menu* li kien finalment magħżul mill-intimati kien dak preżentat bħala Dok SMZ3[7]. Ġara li imbagħad faqqgħet il-pandemija tal-COVID 19 u b'hekk daħlu fis-seħħ il-miżuri relattivi li kienu ser japplikaw waqt it-tieġ tal-intimati. Għalhekk kien ser ikun hemm bżonn ta' iktar staff, ħabba li t-tieġ kien ser jkun *seated*. Il-partijiet qablu dwar dan.

g. Qal li peress li l-intimat kien ħabib tiegħu, kien għamel ħafna konċessjoniet bħal pereżempju silfu t-tazzi u ma żammx corkage fee, kif ukoll ħa ħsieb iġib is-silġ. Għamel diversi spejjeż sabiex xtara il-prodotti neċessarji biex ikun jista' jagħmel l-items li għażlu l-intimati.[8]

h. Spjega kif il-proċess tal-preparamenti beda l-lejl ta' qabel biex imbagħad t-tisjir seta' jsir fuq il-post. Dakinhar il-*bestman* kien ġie tard ħafna u l-*waiters* bdew igergru li ma kellhomx biżżejjed ħin biex jippreparaw. Huwa kien issuġġerixxa lill-intimati illi ġurnata qabel jidħlu żewġ *waiters* biex jilħqu jippolishjaw it-tazzi imma dawn kienu irrifjutaw. Spjega kif dakinhar il-*bestman* laqgħu b'mod żorr u qallu li jekk xi ħaġa kienet ser tmur ħażin huwa ma kienx ser jitħallas filwaqt li lanqas ma kienu ser iħallsu għal xi waiters żejda li seta' kien hemm. Fil-frattemp hu u l-kokijiet l-oħra bdew il-preparazzjoni tal-*canapes* u t-*tartlets*. Kellhom struzzjonijiet li ma jibdewx joħorġu ikel qabel ma jaslu l-għarajjes u għalhekk baqgħu jistennew il-permess biex jibdew iqassmu l-ikel.

i. Ftakar li dakinhar in-nies bdew jaslu kmieni u li kienet ħafna sħana għaliex it-tieġ kien il-Hadd filgħodu. Il-ħin beda jgħaddi ġmielu għaliex riedu jittieħdu t-temperaturi ta' kulħadd. Huwa qal li inkwieta ħafna għax il-bestman baqa ma tfaċċax u ma setax joħroġ ikel qabel ma jgħidlu hu. Għalhekk fl-aħħar huwa kellu isaqsi lill-intimat u dan min-naħa tiegħu qallu li seta' jibda. Huwa qal li l-

[7] Fol 265-268
[8] Riċevuti annessi bħala Dok SMZ 4 a fol 269-291

affarijiet bdew ħerġin b'ritmu tajjeb u ġieli anke beda joħroġ żewġ items fl-istess ħin sabiex ikun ċert li n-nies qegħdin jieklu.

j. Qal li l-intimat kien daħal darbtejn ħdejh jgħidlu kemm kien kuntent bix-xogħol u kien daħal ukoll ħdejh Brendan li jiġi t-tifel tal-intimata u li wkoll huwa kok u jaf dan ix-xogħol. Dan ukoll qallu kemm kien kuntent bix-xogħol. L-istess għamlet l-intimata meta daħlet fil-kċina mal-kuġina tar-rikorrent li kienet waħda mill-mistednin. Kulħadd kien kuntent bix-xogħol.

k. Aktar tard però daħal l-intimat li kien jidher fis-sakra u beda jgħajjat mal-*headwaiter* li kien ipprovdilu. Meta prova jistaqsi x'kien ġara l-intimat qabad u keċċa lil dan l-istess persuna. Kien għalhekk li immedjatament ir-rikorrent inkariga żewġ persuni oħra minn tiegħu sabiex ikomplu huma jaqdu r-rwol tal-*headwaiter*. Spjega li dawn iż-żewġ *waiters* għadu jaħdem bihom sal-lum u qatt ma kellu problemi. Spjega kif uħud mill-familjari tal-intimati ukoll bdew jidħlu fil-kċina jaraw kienx hemm bżonn xi għajnuna però hu ma jafx għalfejn ġara dan.

l. Ikkonferma li ikel partikolari ordnat b'*dietary requirements* speċjali ħareġ ukoll. Spjega ukoll kif dakinhar, minħabba ir-restrizzjonijiet tal-COVID, l-ikel kellu jiġi servut b'mod individwali ħlief għall-ewwel erba' *canapes*. Kellhom ukoll jintużaw kontenituri *disposable*. Però huwa ikkonferma li t-tieġ baqa' sejjer b'mod tajjeb u tant kien għad fadal ikel li kulħadd kiel inkluż il-band. Saħansitra il-waiters bdew jidħlu lura bl-ikel għaliex in-nies ma felħux jieklu iżjed.

m. Skond ir-rikorrent f'dan it-tieġ kien hemm numru ta' *chefs* mistednin, li kienu jafuh u ħadmu miegħu, fejn dawn kollha ikkumplimentawh fuq il-kwalita' tal-ikel li ġie servut. Ħadd qatt ma qallu li ma kienx hemm biżżejjed ikel. It-tieġ ma żammx mal-ħinijiet ippjanati u għalhekk meta ddeċidew jaqsmu l-*cake* kien għad fadal żewġ *items* oħra x'joħorġu. Meta avża b'dan lil *bestman* dan qallu biex joħorġu l-*cake* xorta waħda. Wara t-tieġ tkellem miegħu dwar l-ikel li kien fadal u ħa ħsieb jippakkjalu nofs il-*cake* tal-lumi u nofs *cake* tal-lewż kif ukoll l-ikel li kien għad fadal.

n. Saħaq li l-unika tgergir li sema' dakinhar kien fuq is-sħana. Minkejja dan, l-għada kien ċempillu l-intimat biex igerger, fejn qallu li l-pastizzi kienu kbar u li l-kejk tal-lewż ma kienx sar, meta filfatt hu kien ta nofsu lura lil bestman

wara t-tieġ. L-intimat qallu li kollox kien diżastru għalkemm hu ma kienx tal-istess fehma.

o. Ikkonferma li l-bilanċ totali dovut mill-intimati huwa dak ta' € 6,542.45.

3. Fl-14 ta' Novembru 2022 ir-rikorrent **Steve Mallia** xehed in kontroeżami[9] fejn fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

a. Mistoqsi kienx ordna affarijiet minn ditti oħra huwa ċaħad li ordna mingħand Croce Bonaci imma ikkonferma li ġab mingħand il-Maypole għaliex dan kien minn fejn kien iġib il-ħelu. Huwa kkonferma li ġab il-*french pastries* u l-*wedding cake*. Qal li ordna l-cake tal-lewż u lumi u meta mistoqsi kienx Limoncello cake qal li lumi huwa kważi l-istess ħaġa ħlief li jkun ftit iżjed morr. Iċċara pero' illi huwa ordna limoncello cake. Minkejja li l-intimat wara t-tieġ qallu li lanqas għamillu cake tal-lewż, ir-rikorrent qallu li dan ma kienx il-każ għaliex nofs il-cake tal-lewż li kien fadal kien għaddieh lill-bestman. Mistoqsi kemm kien swieh il-cake huwa setax jiftakar. Ikkonferma li ma kienx qal lill-intimat li l-*cake* kien ser jiġi ordnat mingħand il-Maypole għax din kienet ħaġa normali. Hu qal li bħala caterer kien obbligat li jagħti s-servizz, u m'hemmx obbligazzjoni li jagħmel il-prodott hu speċjalment meta hu ma jagħmilx ħelu. Huwa żied li meta tixtri l-cake, normalment tixtri l-bażi u imbagħad, kif ġara f'dan il-każ, iżżid il-fjuri u affarijiet fuqhom.

b. Mistoqsi jekk l-għarajjes kinux jafu li l-cake kien tal-Maypole hu qal li le u ma kellux għalfejn jgħidilhom. Huwa spjega kif it-three tier tal-*cake* ikun finta, jiġifieri tal-jablo minħabba s-sanita', u imbagħad hu kellu slabs tal-*cake* fil-kċina. Kellu tliet slabs u tah lura nofs slab tal-lewż u nofs slab tal-limoncello. Minkejja li ta din l-ispjegazzjoni lill-intimat fuq it-telefon dan ma reġax ikkonfermalu jekk kienx sabhom jew le.

c. Mistoqsi rigward il-prezz ta' € 450 għat-tlett kejkijiet li kellhom joħorġu huwa kkonferma li ħareġ kejk taċ-ċikkulata għal xi ħadd li kellu l-*birthday* u qasmuh mal-kejk tat-tieġ. Hu ma qabilx li l-kejk tat-tieġ kien inqasam qabel il-ħin. Kien ġie l-*bestman* jgħidlu biex jinqasam il-cake u ħarġu l-affarijiet. Hu qal li lanqas kien hemm pjan ta' ħin għaliex dan kien tieġ fi żmien il-COVID u hu kellu ordni li ma joħroġx ikel qabel ma jaslu l-għarajjes. Tlett darbiet kien qal lill-bestman

---

[9] Fol 200-232

biex joħroġ l-ikel sakemm fl-aħħar staqsa lill-intimat stess u kien dan li tah il-go ahead.

d. Qal li l-cake topper oriġinalment kien fuq il-cake armat minnu iżda imbaghad dan inġabar minn xi ħadd. Kien wara t-tieġ imbagħad li kien sabu taħt il-mejda tal-cake. Huwa kien żamm din il-*cake topper* għaliex qatt ma kellu ċ-ċans jirritorna lura lill-intimati. Però insista illi meta jridu seta' jgħaddihilhom lura.

e. Rigward il-ħin tat-tieġ dan kellu jkun bejn nofsinhar u s-sitta. L-istaff kien daħal qabel jipprepara. Meta ġie ssuġġerit lilu li hu kien ftiehem dwar sitt sigħat bħala servizz mal-għarajjes, qal li ma setax jiftakar il-ħinijiet eżatt li ftiehem. Qal li meta jkun tieġ waranofsinhar l-istaff irid jidħol fit-8:30 ta' filgħodu jipprepara. Irrefera għall-email fejn qal li s-servizz tax-chefs kien ser jkun ta' tmien siegħat, tal-waiters sitt sigħat u kwalunke ħin żejjed kien se jkun overtime.[10] Huwa ikkonferma li daħħal 20 waiter u l-barmen kollha kmieni u kompla jixhed illi hu kien issuġġerixxa numru ta' waiters u l-għarajjes kienu qalulu li ma riedux iktar staff. Biex ikun ċert xorta waħda kien daħħal xi nies żejda u ħallashom hu minn butu. Kien anke pprovda t-tazzi hu mingħajr ħlas. Meta ssuġġerixxa lill-intimati sabiex jidħlu żewġ waiters jillustraw it-tazzi qabel ir-riċeviment, dawn qalulu le u għalhekk kien daħħal dawn il-waiters minn butu.

f. ikkonferma li hu kien ħareġ l-invoice wara t-tieġ. Mistoqsi għalfejn qed jitlob elfejn euro għall-waiters meta huwa ħallas inqas għalihom huwa qal li l-differenza hija l-mark up tiegħu. Mistoqsi jekk kienx hemm vann li ġabar lill-istaff fis-sitta ta' filgħaxija hu qal li ħalla lil kulhadd hemm sa filgħaxija. L-istaff tiegħu iffirmaw il-ħin li telqu fih. Bħala kokijiet baqgħu jisbarazzaw. Qal li kemm ilu jagħmel tiġijiet qatt ma beda tieġ b'bestman li jkellmu kif kellmu. L-istaff żejjed qal li ġie diskuss u ħallsu hu minn butu. Hu qal li waqt it-tieġ daħlu nies ħdejh fil-kċina biex jikkumplentawh inkluż l-għarus. Wara t-tieġ ma setax jifhem x'ġara. Ftakar li l-*headwaiter* kien ġie mkeċċi mill-għarus.

g. Mistoqsi għalfejn fir-rigward tal-*headwaiter* huwa żamm tal-ħin kollu li kellu jkun hemm, huwa rrisponda li għamel hekk għaliex hu kien ingaġġat minnhom li jkun hemm u kienet għażla tagħhom li jkeċċuh. Anzi, sostna li għal dak li kien

[10] Dok SMZ2 a fol 246-248

ġara l-*headwaiter* kien aġixxa b'mod professjonali immens u żamm rasu baxxuta.

h. Huwa kkonferma li kien hemm mark up fuq kulħadd. Ikkonferma li l-għarajjes qatt ma kienu ffirmaw xi ħaġa dwar capping tal-overtime pero huwa dejjem tkellem mal-bestman, fejn meta telaq hu dawn baqgħu hemm u hu stess kien qallu x'għad fadallu jġorr. Mistoqsi jgħid jiftakarx li l-menu oriġinali kienx għall-prezz ta' € 23.50 ir-ras huwa qal li fl-aħħar spiċċaw jagħżlu l- wedding menu numru wieħed. Huwa qal li bdew b'wedding menu numru erbgħa li kien jiswa € 23.50 ir-ras pero imbagħad biddlu l-ħsieb tagħhom għal dak bin-numru wieħed. Mistoqsi jekk kienx għolla dan il-menu numru wieħed minn € 18 ir-ras għal € 22.50 huwa qal li dan seħħ bi ftehim mal-intimati peress illi kienu saru xi tibdiliet fl-ikel magħżul fosthom l-Indian table. Huwa kellu ukoll jġib il-platti *disposable.*

i. Ikkonferma li qabel it-tieġ tħallas € 9600 mill-intimati. Mistoqsi kienx neħħa l-*oysters* mill-kont huwa qal li iva għax l-*oyster table* inbidlet f'*bbq table*. Ma qabilx li hu kien qal lil-għarus li ma setax jirritornalu lura d-depożitu għaliex kien nefqu fit-taraġ għad-dar tiegħu jew li kien qal lill-intimati li t-tieġ kellu jsir bilfors minkejja li dawn bdew jikkunsidraw jikkanċellawh minħabba mard. Hu qal li meta intalab jagħtihom refund huwa ried jiltaqa mal-għarus u jitkellem imma imbagħad ġimgħa wara ċempillu u qallu li jiixtieqll jagħmlu bbq table u li kienu ħa jbiddlu d-data! Qal li sa anke kellu event ieħor fl-20 ta' Settembru li kellu jressqu biex jakkommoda lill-intimati.

j. Mistoqsi kellux lista ta' mistidnin li jbatu bl-allerġiji huwa qal li kellu waħda u li normalment li jsir huwa li jgħajjat il-bestman biex jindikalu speċifikament in-nies li kellhom dawn l-esiġenzi. Qal li kien anke pprepara tray għall-għarusa u li informa l-bestman biex jidderiġi it-tray lejha. Muri il-menu li ġie applikat dakinhar tat-tieġ u mistoqsi jekk jaqbilx li ma kienx hemm pastizzi imniżżlin huwa qal li kien hemm imniżżel li kellu jkun hemm pastizotti u li filfatt dawn kien ordnahom mingħand l-Isphinx. Il-pastizzi tal-irkotta kien mibdula għal tat-tiġieġ. Rigward restrizzjonijiet ta' dieta huwa kellu kollox immarkat.

k. Fir-rigward tar-riċevuti esebiti minnu huwa sostna li dawn jindikaw affarijiet li inxtraw kollha għat-tieġ in kwistjoni.

4. L-istess rikorrent **Steve** Mallia reġa xehed in kontroeżami fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023[11]:

    a. Huwa kkonferma li kien ġie ingaġġat bħala l-kok uffiċċjali tat-tieġ tal-intimati. Mistoqsi jekk it-tieġ kienx ibbukkjat bejn wieħed u ieħor għal ħin ta' bejn is-siegħa u nofs u s-sitta u nofs huwa kkonferma dan.

    b. Huwa qal li lejn l-aħħar tat-tieġ ħareġ biex isellem lil xi nies li kien jaf u għalih kien għad baqa' mhux ħażin nies. Kienu telqu ftit nies speċjalment peress li kien il-Ħadd u l-għada n-nies ikunu xogħol. Mistoqsi kienx jaf il-waiters li ħadmu dakinhar hu qal li ma kienx jafhom kollha iżda kien jaf il-maġġoranza għaliex dawn kienu jaħdmu regolari f'tiġijiet oħra minn tiegħu. Qal li dawn kienu jaħdmu ma' kumpanija jisimha G Staff. Mistoqsi kienx jaf isemmi ħamsa minnhom huwa semma lil Martin u lil Mirko fejn dawn seta jagħrafhom minn wiċċhom. Hu qal li kien addirriturra għażilhom hu, speċjalment il-*head waiter*.

    c. Mistoqsi għalfejn l-invoice tal-kumpanija G Staff lilu kienet inħarget erba' xhur wara t-tieġ huwa spjega li din il-kumpanija riedet titħallas minkejja li l-intimati ma kienux għadhom ħallsuh u għalhekk kien talabha toħroġlu l-invoice sabiex iħallasha minkejja li kien għadu ma tħallasx.

    d. Rigward l-overtime il-ftehim kien li dan ikun ikkalkulat a bażi tal-ħin li jintuża dakinhar li imbagħad jingħad lill-bestman. Dakinhar il-bestman kien jaf kollox u hu telaq l-aħħar persuna u niżlu flimkien fejn ir-rikorrent baqa jisbarazza. Skond ir-rikorrent ma kienux qablu fuq ħin speċifiku bħala overtime. Mistoqsi jekk kinux ġew iċċargjati rati ta' overtime fl-invoice ta' G staff hu qal li le għax il-kumpanija kienet tiċċargjah b'rata fissa għall-ħin li l-istaff ikun ħadem.

    e. Huwa ftakar li bħala dietary requirements partikolari kien hemm min kien gluten intolerant u lactose intolerant. Mistoqsi fejn kien ipprepara l-ikel huwa qal li dan sar minn ġewwa kċina fix-Xemxija fejn kien jaħdem. Ċaħad li kien sajjar f'xi garaxx. Jiftakar illi kienu ftehmu li l-ħelu ser isir għand ċertu Ronnie iżda l-intimat ġie infurmat tlett ġimgħat qabel li dan Ronnie kien ħa jitlaq mix-xogħol biex jaħdem għal rasu u imbagħad mar jaħdem id-Dolmen. Ċaħad illi s-silġ kien tpoġġa direttament mal-art u li spiċċa imdewweb wara l-bar u filfatt

[11] Fol 324-332

qal illi s-silġ kien fil- friskaturi bħal ma jsir is-soltu. Ikkonferma li fil-menu li għażlu l-intimati ma kienx hemm sushi.

5. Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2021 xehed **Elton Kola** bil-lingwa Ingliża[12]:

   a. Huwa qal li huwa jaħdem bħala *catering functions manager* u jieħu ħsieb dawn it-tip ta' avvenimenti. Spjega kif kien ilu jaf lir-rikorrent Steve Mallia għal dawn l-aħħar erba snin, hekk mindu beda f'dan ix-xogħol. Huwa ftakar illi kien ġie ingaġġat bħala *functions manager* dakinhar tat-tieġ tal-intimati u dan mir-rikorrent stess. Huwa qal li bdew b'mod normali imma kienu daqxejn lura b'dak li huwa ħin u bdew jgħaġġlu. Spjega li kienu lura għax kellhom nuqqas ta' staff u kienet ħafna sħana. Huwa ftakar kif dak iż-żmien kien hemm regoli fejn wieħed ried iżomm żewg metri distanza bejn l-imwejjed. Kien hemm numru ta' mistidnin u kien hemm ħafna diffikultajiet ħabba s-sħana, għaliex kien hemm min qed igorr bis-sħana. Qal kif it-tieġ kien waranofsinhar u kien hemm ħafna ikel u l-ikel kien miexi sew. Huwa qal li l-ikel kien diċenti ħafna imma kien *service* iebes, imma jemmen li kulħadd ġie servut sew.

   b. Huwa qal kif għal xi t-3 jew l-4 ta' waranofsinhar kien ġie mgħajjat fil-kċina fejn sab l-intimat b'rabja kbira. Dan argumenta miegħu u keċċieh u x-xhud telaq sabiex ma teskalax is-sitwazzjoni. Spjega kif l-intimat kien irrabjat għaliex kien hemm min gerger għax ma wasallux l-ikel u x-xorb fil-ħin. Qal li dawn però huma affarijiet normali li setgħu jiġu solvuti.

   c. Qal li induna li kienet se teskala s-sitwazzjoni għax l-intimat kien irrabjat u beda juża lingwaġġ xejn pjaċevoli. Matul it-tieġ u qabel ma seħħ dan l-argument, ix-xhud qal li kellu l-*bestman* bħala punt ta' riferenza. Ikkonferma li kien hemm xi ilmenti fuq ikel u xorb li ma kienx qed jasal fil-ħin però sostna li dawn kienu affarijiet normali. Ix-xhud ma ftakarx kemm kien hemm staff dakinhar. Wara li telaq hu sar jaf li kien hemm tnejn oħra mill-istaff li daħlu floku u kien spiċċa jgħin ukoll sid il-*venue*.

   d. In kontroeżami qal li kien ilu jaħdem mal-istaff ta' dakinhar għal xi tlett snin però ma setgħax jiftakar isimhom. Kien ġie infurmat ġimgħa qabel rigward dan l-avveniment. Huwa ma ltaqax mal-intimati qabel it-tieġ. Dakinhar tat-tieġ huwa kellu jiltaqa mal-bestman filgħodu iżda dan ġie tard.

---

[12] Fol 30-41

e. Mistoqsi kienx qal lill-intimat dakinhar tat-tieġ fil-mument li keċċieh il-kliem "*Thank you. Your wedding is a chaos*" huwa ċaħad li qatt qal dan il-kliem.

f. Rigward is-silġ li ntuża wara l-*bar*, meta mistoqsi jekk dan tħalliex mal-art ma setax jikkonferma.

g. Mistoqsi x'kien xogħolu matul it-tieġ huwa qal li dan kien li jiddelega xogħol lil nies oħra, jara li kull mejda jaslilha l-ikel, u li jekk ikun hemm xi rikjesti partikolari jara li jissodisfahom flimkien mal-bestman jew ma' min ikun qed imexxi għan-nom tal-għarajjes. Mistoqsi kienx hemm xi rikjesti partikolari għar-rigward tal-ikel, xehed li jaf li kien hemm imma ma setax isemmihom b'mod speiċifiku.

h. Qal però li dawk il-mistednin li kellhom *special dietary requirements* ġew servuti kif suppost u c-*chef* kellu n-numru tal-mejda partikolari fejn kienu jinsabu. L-ikel li kien *gluten free* ġie servut b'mod apparti mill-ikel li ma kienx *gluten free.*

6. Fis- seduta tat-8 ta' Novembru 2021 xehed **Godwin Micallef**[13] prodott mir-rikorrent:

a. Dan spjega li huwa d-direttur tal-kumpanija GR Services fejn huma jipprovdu staff għall-avvenimenti.

b. Ir-rikorrent kien ordna staff mill-kumpanija għal dan it-tieġ fejn hu talab circa 26 waiter, erbgħa bar tenders u xi dishwashers. Xogħolhom kien li jagħmlu dak li jitqabbdu jagħmlu minn min ikun talabhom għall-avveniment, f'dan il-każ mir-rikorrent.

c. Spjega li l-manager tagħhom ma jitqabbadx minnu. L-istaff kien ilu ibbukkjat xi ġimgħatejn jew tlett ġimgħat qabel. Huma marru *on site* fl-għaxra u nofs ta' filgħodu.

d. Rigward dan it-tieġ ftakar li kien hemm ammont ta' xorb li l-ħin kollu beda jispiċċa.

[13] Fol 45-60

e. Qal li kuntrarjament għal li jiġri s-soltu, f'dan it-tieġ kien baqa' hemmhekk jassisti lill-impjegati tiegħu u dan peress li kien jaf lir-rikorrent.

f. L-ammont ta' xorb li kien hemm fil-bar kien il-minimu u dan beda jitħalla hekk mill-bestman. Ftakar ukoll li jew il-bestman jew l-għarus kaxkar wieħed mill-istaff tiegħu quddiem mejda fejn kien qallhom li ma kellux dak li kien intalab.

g. Ftakar li l-għarus kien kellem lill-manager ossia *head waiter* b'mod pastaż u spiċċa biex ikeċċieh. Dak il-ħin ir-rikorrent talab lix-xhud biex jieħu ħsieb hu flok il-persuna li kien tkeċċa. Ikkonferma li dan il-persuna li tkeċċa kien jismu Elton Kola.

h. Ix-xhud spjega li hu ilu f'dan il-mestier għal xi sittax-il sena u li dakinhar l-ikel kollu kien ħiereġ kif suppost. Hu kien preżenti anke fil-kċina sabiex jgħinhom iqiegħdu l-ikel fil-platti. Hu qal li kif bdew ġejjin numru ta' nies seta' jinnota nuqqasijiet min-naħa tax-xorb.

i. Rigward it-togħma tal-ikel ix-xhud ma setgħax jikkummenta peress li qatta ħafna mill-ħin ġewwa fil-kċina però ma ġie ħadd mill-istaff jgħid illi xi ikel kien qed jiġi rritornat lura minħabba t-togħma tiegħu.

j. Rigward il-kwantità tal-ikel qal li pjuttost kien hemm iż-żejjed u li l-ikel li ħareġ ma reġax daħal lura. Hu qal li ma kien sema' ilmenti.

k. In kontroeżami mistoqsi fejn kien eżatt dakinhar huwa qal li ħafna mill-ħin kien qattgħu fil-kċina u kien qed joħroġ barra jiċċekkja li l-*bars* kienu stockjati bix-xorb mill-istore u f'każ ta' bżonn imur ġewwa l-i*store* biex iġib iżjed xorb. Hu u kollega tiegħu, ċertu Mario Mamo, bdew jinqasmu b'dan il-mod.

l. Mistoqsi jekk is-sitta u għoxrin *waiter* li gew ingaġġati kellhomx kollha *food handling certificate*, ix-xhud rrisponda li l-maġġior parti kellhom. Mistoqsi x'kienet r-rata li huwa ħallas lill-impjegati tiegħu huwa qal li mhux kollha tħallsu l-istess u li r-rata tibda minn sitt Ewro fis-siegħa 'l fuq u tvarja skond l-esperjenza ta' dak li jkun.

m. Mistoqsi jekk waħda mill-waiters ġietx bi qmis vjola għax-xogħol u li għalhekk kellhom isibula qmis, ix-xhud qal li ma jiftakarx li ġara dan però fi kwalunkwe każ huma dejjem ikollhom stock ta' qomos disponibbli għall-*istaff*.

n. Qal illi l-*istaff* kienu marru lura b'vann iżda ma setax jiftakar fi x'ħin seħħ dan.

o. Ikkonferma li ma kienx irċieva lmenti fuq l-ikel jew li l-ikel dejjqu b'xi mod kemm dak il-ħin tat-tieġ u kif ukoll wara.

7. Fl-istess seduta xehed ukoll **<u>Edward D'Alessandro</u>** prodott mir-rikorrent:

a. Huwa identifika ruħu bhala l-*venue operator* ta' Castello Dei Baroni. Spjega kif xogħolu kien li jlesti l-post għat-tieġ bħala tindif, armar, *security* u xi affarijiet oħra u għalhekk huwa kien preżenti ukoll dakinhar.

b. Qal li kien ftiehem mal-koppja li jarmaw ġurnata qabel għax kellhom xi tined. Spjega li imnalla kellhom it-tined għax kienet ħafna sħana dakinhar. F'dan it-tieġ huwa spiċċa jqatta ħafna ħin fil-kċina. Qal li l-post għandu kċina u imbagħad hemm parti fejn ix-chefs iqegħdu l-affarijiet biex jiġbruhom il-waiters. Huwa qal li jħobb imidd idejh u għalhekk dakinhar ra kif għamel biex jgħin lix-chefs billi jimla t-*trays*.

c. Spjega kif kien hemm filgħodu għax ried jiftaħ il-post. Wara ftit waslu ħafna staff u dawn kienu qed jippreparaw il-platti u t-tazzi u kienu *"all over the place"*. Huwa kien moħħu biex jirranġa l-venue u ma kienx qed jara x'qed jagħmlu huma.

d. Rigward ħinijiet miftehma huwa ma kienx jaf xi ftehim kien hemm bejn il-partijiet. Daħal biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' security fir-rigward ta' ħinijiet.

e. Dwar il-menu huwa ma jafx x'kien fih u allura ma setax jgħid kemm kien hemm items u jekk kienx hemm volum ta' ikel kif suppost. Ftakar li meta kien ġol-kċina kien ġie il-headwaiter jgħid lic-chef li riedu jgħaġġlu iktar. F'ħin minnhom daħal xi ħadd jgħin – mhux ċert jekk hux tal-familja. Jaf li ra n-nurse tgħin ukoll għax għarafha meta raha fil-bieb iktar qabel. Din ukoll kienet qed tmidd idejha billi tpoġġi l-ikel fuq it-trays.

f. Qal li f'ħin minnhom kien daħal l-għarus irrabjat ħafna ġol-kċina għax kien hemm kwistjoni mal-headwaiter, fejn qallu li ma kienux qed iduru biżżejjed bid-drinks. Ma ftakarx li dan kien semma xi haġa fuq l-ikel, però ftakar li l-

headwaiter spiċċa biex tkeċċa. Floku daħal jaqdi r-rwol tiegħu, ċertu Godwin li flimkien ma' persuna oħra komplew imexxu t-tieġ huma.

g. Hu ma semax ilmenti fuq l-ikel. Qal li l-ikel kien qed jissajjar u jiġi servut dak il-ħin. Kien hemm xi erbgħa jew ħames chefs isajru u l-ikel kien normali. Huwa spjega li dan kien tieġ waqt il-perjodu tal-COVID u allura minħabba l-miżuri ta' prekawzjoni li kellhom jittieħdu kien hemm iktar xogħol, għax kull item ried jiġi plejtjat separatament. Huwa jemmen li wieħed dejjem seta' jaħdem aħjar però l-ispazju dakinhar kien li kien. Kullimkien kien mimli bl-imwejjed u wieħed il-hin kollu jitfa fil-platti separati u allura kollox kien ħafna iktar kumplikat. Semma li kienu qishom linja ta' produzzjoni u hu kien qed jgħin ukoll f'dan il-proċess.

h. Spjega kif lir-rikorrent Steve Mallia ilu jafu xi ħames snin.

i. In kontroeżami kkonferma li l-intimati kienu ħallsuh tas-sala. Mistoqsi jekk il-platti baqgħux dejjem jisservew b'mod individwali huwa qal li fil-maġġior parti hekk ġara però kien hemm drabi ukoll fejn kien hemm xi items li sservew flimkien fi platt komuni għal kulħadd. Ftakar ukoll li kien hemm il-*cake topper* li ntilef. L-intimati kien staqsewh biex iffitxu iżda ma setgħax isibu.

j. Seta' jiftakar li f'ħin minnhom l-għarusa ma kienitx feliċi imma ma jiftakarx li bdiet tibki. Peress li raha f'dak l-istat kien mar ikellimha biex jara setgħax jgħin. Mistoqsi kienx għadda xi kumment rigward jekk l-intimati ħallsux lir-rikorrent biżżejjed, huwa qal li probabilment ma kellimiex rigward il-menu iżda jekk xejn għadda kumment dwar li kollox jiddependi mill-menu li wieħed ikun għażel.

k. Bħala kwantitajiet kien hemm ikel biżżejjed għalkemm ma għadx jgħodd.

8. Fil-11 ta' Awissu 2022 l-intimati ppreżentaw nota b'numru ta' affidavits bħala parti mill-provi tagħhom.

9. Fl-affidavit[14] tagħha l-intimata **<u>Catherine Vassallo:</u>**

[14] Dok CV a fol 82

a. Qalet li hi u Ralph Vassallo żżewġu fl-20 ta' Settembru 2020 fejn huma kien inkarigaw lil Steve Mallia li jaħdem taħt l-isem Petit Pois sabiex jieħu ħsieb il-catering fit-tieġ tagħhom. Kien l-intimat stess li kien ssuġġerieh. Ir-rikorrent kien jirreklama xogħlu fuq Facebook bħala 'Steve Mallia Private Chef'.[15]

b. Spjegat kif lejlet it-tieġ hija kienet il-venue tipprepara flimkien mal-għarus tagħha u l-bestman. Huwa ma kienx ġie minkejja li kellu jipprepara u meta staqsietu dwar dan hu qalla li kien qed jipprepara l-ikel minn ġo garaxx.

c. Għalkemm huma kienu ħadu xi quotations oħra rigward ikel għażlu lil ta' Steve, minkejja li kienet l-aktar għalja, għaliex dan wiegħdom ikel "cinque stelle". Huwa kien ippreżentalhom 4 menus bi prezzijiet varji biex minnhom huma jagħzlu dak preferut. Huma għazlu menu 4 li kellu valur ta' € 23.50 kull persuna. Dan il-menu kien jinkludi 50 item, cake zgħir tal-anniversarju li kienet se tkun sorpriża għal Steve Mallia stess dakinhar, u dan qabel ma inbidlet id-data tat-tieġ, u cake ieħor tal-birthday għal xi ħadd jismu Darren li kien se jagħlaq żmienu dakinhar.

d. Minħabba li pposponew id-data tat-tieġ dawn iż-żewġ kejkijiet ma kienx hemm bzonnhom aktar però xorta wahda kienu qed jidhru fil-kont li ġie ppreżentat lilhom. Il-kont totali inklużi l-kejkijiet kien ta' € 7,500.

e. Spjegat kif fl-email tal-11 ta' Ottubru 2019 Steve Mallia kien bagħtilha l-aħħar quotation fejn it-total mingħajr is-silġ u mingħajr il-VAT kien ta' € 9125. Din il-quotation kienet tinkludi ukoll l-oysters li spiccaw qatt ma saru minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID, imma il-flus tagħhom xorta ġew mitluba u tħallsu minnhom. Fl-email tad-29 ta' April 2020 Steve Mallia kien ikkonferma li l-quotation mhux se tinbidel u kienet valida sa sentejn wara.[16]

f. L-intimata qalet li dak iż-żmien kienu se jbiddlu id-data tat-tieġ għaliex missier l-intimat kien ma jiflaħx u ma kienx se jkun tajjeb fit-8 ta' Awissu 2020. Għalhekk fit-13 ta' Settembru 2020, l-għarajjes u Steve Mallia iltaqgħu ġewwa Melta Gardens biex jikkonkludu l-menu – pero r-rikorrent ġie bla menu. Huwa qalilhom li qatt ma kien ħadem tieġ seated u li ma kellux esperjenza. Qalet kif kienet hi li ppruvat tikkalmah u ssuġġeriet li jkollhom waiter ma' kull żewġ

[15] Dok CV 1 – Dok CV3 a fol 90-92
[16] Dok CV6 – a fol 98

imwejjed ta' tmienja. Ġara li dak iż-żmien kien marad ukoll it-tifel tagħha Gabriel, u dan il-Ħamis ta' qabel it-tieġ. Kienet infurmat lir-rikorrent illi jekk kienu se jirriżultaw pożittivi għall-COVID it-tieġ kien se jkollu jitħassar , u dan qalla li ma kienx jemmen bil-COVID u t-tieġ kellu jibqa għaddej. Bhala refund ma kinux se jieħduh lura u insista li t-tieġ kellu jibqa għaddej anki mingħajra. Qalet li huwa kien stressjaha ħafna anki għaliex l-għarus kellu jiġi operat ukoll f'Awissu 2020.

g. Hi kienet infurmat lir-rikorrent bil-mistednin li kellhom l-allerġiji, fejn anki tagħtu n-numru tal-mejda u s-siġġu fejn kienu se jpoġġu. Fosthom kien hemm anki l-għarusa stess u t-tifel tagħha Gabriel. Għalkemm huma ma setgħux jieħdu xejn bil-ħalib huwa ssuġġerixxa li jagħmel platt biz-zalza bajda għat-tifel u għalhekk hi indunat li ma tantx kien qed jagħti kaz dawn l-istruzzjonijiet. B'hekk xtrat boroz ta' chicken fillets u chips hi minn jeddha li żgur ma kellhomx tracci ta' ħalib u ħadithom lir-rikorrent. Xorta wahda fil-kont huwa inkluda l-ikel tat-tfal fl-ammont ta' € 112.50.[17]

h. Spjegat kif tliet ijiem qabel it-tieg kien għad ma kellhomx menu konkluż. Verbalment Steve Mallia kien issuġġerrixxa li jbiddlu l-menu għal dak ta' € 18, minħabba li t-tieġ kellu jkun seated. Hu għalhekk qalilhom li kien se jgħolli l-menu ta' € 18 għal € 22.50 kull persuna, bil-kundizzjoni li ma johorġux pastizzi u li jżid l-aqwa ikel li huma kien għazlu mill-menu originali tagħhom.

i. Ftakret kif Steve kien issuġġerilhom jagħmlu indian live cooking table fejn kellu jarma żewg stands u kien se jżommilhom € 7.50 kull persuna minħabba li dan kien se jkun main course. Jiġifieri kellu jkun hemm dan l-ikel indjan kif ukoll l-erbgħin item li għażlu mill-menu. Id-differenza fil-prezz kienet se tkun minhabba li l-ikel ma setgħax joħroġ imqassam fuq trays imma fuq platti separati ħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID. B'hekk kellu jkun hemm 5 kokijiet (3 chefs u 2 assistant chefs). Tnejn minnhom kellhom isajru live, u t-tlieta l-ohra fil-kċina. Il-kokijiet tal-live cooking ma tfaċċawx, tant l-ikel indjan ħareg mill-kċina. Il-kokijiet li kien hemm ma kienux ta' kwalita' lanqas. L-ikel indjan ma kienx li jittiekel għaliex il-frieket li bihom beda jigi servit dan l-ikel dabu fl-ikel. Qalet li għal dan kollu hija ħallset € 2250.

[17] Dok CV 10 – a fol. 108

j. Saħqet li hi kienet għamlet sajf tiġri wara Steve Mallia mingħajr ma jirrispondiha. Xtaqet ukoll li jsir BBQ qabel it-tieġ biex hekk ikunu jistgħu jduqu l-ikel iżda dan baqa ma sarx għaliex ma pprovdiex data. Dakinhar qalet kif il-bestman beda jżomm rendikont tal-items li ħarġu u kien hemm diversi items neqsin, u anki ikel differenti minn dak ordnat.

k. Qalet li hi baqgħat ma kielet xejn għaliex ma pprovdiex ikel lactose free kif miftiehem. Għal dawk li kien celiac ukoll kienet problema għax beda jaqbad l-ikel b'idejh.

l. Minkejja illi kienu ħallsu żejjed biex kollox jiġi servut separatament xorta waħda ġie servut kollox f'daqqa fin-nofs tal-mejda. Anki n-napkins ma kinux l-istess. Ftakret kif anki in-nurse ingaġġata għal mal-bieb spiccat tgħin bl-ikel. Inoltre ingħataw kaxxi tal-Maypole, Croce Bonaci u Miracle Foods b'ikel mixtri mingħand dawn il-kumpaniji.

m. Rigward il-ħinijiet l-intimat spjegat kif it-tieġ kellu jkun mis-1pm sas-6pm u għalhekk kollox kien ikkalkulat u ibbukjat fuq sitt siegħat, u siegħa oħra żejda sakemm jitilqu in-nies. Hija ftakret kif huma kienu waslu fis-1:30pm. Ir-rikorrent pero kien iċċargjahom mid-9 ta' filghodu sat-8:30 ta' filgħaxija, kif ukoll overtime li huma qatt ma approvaw. Minħabba li n-nies bdew jitilqu kmieni huma kien qasmu l-cake kmieni b'dana li anki in-nar inħaraq fl-4:15pm. Anki in-nurse kienet ibbukjata mis-siegha sas-sitta u għalhekk qalet li huwa car x'kellhom f'mohhom bħala hin tat-tieg. L-after party ippjanat ukoll tħassar minnħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID.

n. Huma kien ħallsuh is-somma ta' € 9,600 pero qatt ma rċevew irċevuta fiskali u għalhekk tilfu l-grant fis-somma ta' € 1000 li kien qed jagħti l-gvern. Huma saru jafu biss dwar is -somma pendenti dovuta ta' € 6,542.45 meta rċevew rendikont[18] wara t-tieġ. Dan ikkontestawh mill-ewwel għaliex wara t-tieġ lanqas kienu sodisfatti b'dak li suppost ġie mwiegħed li kienu diġa ħallsu għalih. Ftakret kif Steve Mallia kien bagħtilhom quotation tas-somma ta' € 11,727,50 li allura kienet tfisser li wara t-tieġ kien ser ikun hemm bilanċ ta' € 2127.50. Xorta waħda qalet li huma ma riedux iħallsuha din minħabba dak li ġara fil-ġurnata tat-tieġ.

[18] Dok CV35

o. Fil-ġurnata tat-tieġ il-bestman kien mar jgħid lil Steve li l-għarajjes riedu l-ikel li fadal u dan kien qallu li l-għarusa ma kinitx tiekol dan l-ikel. Qalet li kien hemmhekk li hi indunat li l-ikel kien ordnat minn suppliers oħra u mhux għamlu hu. L-intimat spjegat kif hi trid rimbors ta' dak li tħallas għaliex irrovina it-tieg kif ukoll :

- żamm il-flus tal-oysters (li ma ġewx servuti)
- żamm total ta' tlett kejkijiet li minnhom sar wieħed biss, ordnat mingħand il-Maypole,
- tilef il-cake topper,
- żamm flus tal-ikel tat-tfal li ma pprovdihx hu
- tilfu € 1000 grant
- ma sar l-ebda live indian cooking, u ġie servut bi frieket tal-plastik imdewwba fih,
- l-€ 450 li ġew ikkwotati għal-tlett kejkijiet ma sarux u l-kejk tat-tieġ ma kienx kif miftiehem izda kien mixtri minghand il-Maypole,
- is-somma indikat lill-headwaiter hija ukoll ikkontestata stante li telaq qabel
- żamm € 800 ta' overtime tal-waiters u € 160 tal-barmen mhux approvat
- żamm € 120 għal runners mhux dovuti għaliex kien hemm 20 waiter jaħdmu u minkejja dawn ma ġewx approvati lanqas, kif ukoll € 80 għall-overtime tagħhom
- € 180 tal-cleaners mhux dovuti għaliex l-intimat ħallset lill-cleaner direttament hi, wisq anqas l-overtime tagħhom
- € 157.70 tal-overtime tax-chefs mhux approvat u € 70 overtime tal-assistant chefs

U dan kollu jammonta ghal € 4,472.70 li huma kontestati.

p. Kien hemm ħafna ikel mil-menu li huma għażlu li ukoll ma ġiex servut u ġie servut dak li m'ordnawx u għalhekk spjegat kif qed jikkontestaw l-ammont kollu li tawh.

10. Fis-seduta tas-17 ta' April 2023 ġiet prodotta in kontroeżami l-istess intimata **<u>Catherine Vassallo</u>**[19]**:**

[19] Fol 390

a. Mistoqsija jekk Steve Mallia kienx offrila erba menus fil-bidu – l-irħas wieħed ta' € 18.00 u dak l-iktar għali ta' € 23.50, hija ikkonfermat dan. Spjegat kif l-ewwel għazlu l-menu ta' € 23.50 u s-somma ta' € 9600 kienet ibbażata fuq hekk[20]. Ġara li peress li t-tieġ kellu jkun seated hu kien ssuġġerixxa li jinbidel il-menu. Mistoqsija jekk kienitx ikkanċellat il-kejkijiet li ordnat li ma kienx għad hemm bżonnhom minħabba li inbidlet id-data tat-tieġ, hi wieġbet li kienet ikkanċellathom u kellha tikxef is-sorpriża li kienet għalih stess. Hi għamlet hekk permezz ta' telefonati u messaġġi li ma kienx jirrispondi. Spjegat kif ħassret il-kejkijiet għaliex it-tieġ kien se jsir fit-8 ta' Awissu izda saru jafu li missier l-intimat kien marid serjament u kellu bżonn operazzjoni u għalhekk biddlu d-data.

b. Hi kienet ċemplet lil Steve Mallia biex tgħidlu li l-kejkijiet kienu għalih u għax-xhud l-ieħor, u li kien hemm bżonn li jitħassru. Hu kien  qalla li qas kien qed jistenniha is-sorpriża imma li dawn kellhom jitħassru ħabba li inbidlet id-data. Minkejja li hu wara xorta ipprovda quotations bihom imniżżla, kienet ġibditlu l-attenzjoni fuqhom permezz tat-telephone u messaġġi.

c. Murija quotation f'total ta' € 91500 eskluż is-silġ u l-VAT, ossia email datata l-11 ta' Ottubru 2019 qalet li din ġiet mibdula minħabba l-pandemija pero li l-kont kien magħluq bis-somma ta' € 9125 u l-bqija tawhomlu tips daqskemm kienu jemmnu fih. Qalet li meta Steve kien qalla li t-tieġ ried jibqa għaddej u li ma kienx jemmen fil-COVID kienu iltaqghu personalment Melita Gardens fejn hi kienet taħdem bhala *operations manager*. Dak iż-żmien it-tifel tagħha kellu problemi mediċi ukoll u kienet qaltlu li jekk isibuhom pożittivi għall-COVID ħa jkollha tħassar it-tieġ. Dan kien qalla li t-tieġ kellu jibqa għaddej akkost ta' kollox.

d. Rigward l-ikel tat-tfal il-ftehim kien li hi tixtri l-items u hu jsajjarahom. Mistoqsija rigward l-ammont ta' € 7.50 li gie cchargjat mir-rikorrent għall-ikel tat-tfal hi qalet li dak kollu żejjed għax hi ġabet l-ikel kollu tat-tfal u mhux ikel gluten/lactose free biss. Rigward kinitx għalqet il-menu tlett ijiem qabel it-tieġ hi qalet kif kienet għalqitu verbalment. Dwar il-live cooking mistoqsija dan setgħax isir minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID hija qalet li seta jsir għaliex kellha permess tal-MTA li seta jagħmel żewg stands fejn ikun hemm chef waħdu imma minflok huwa serva l-ikel Indjan f'kaxxa tac-chips. Hi spjegat kif

[20] Dok SMZ2 – a fol. 236

it-tieġ kellu jibda mis-siegħa u nofs sas-sitta u nofs u huma waslu fis-siegħa u nofs. Huma ma poġġew qatt mal-mejda għax ma kinitx lesta. Il-cake topper ma kienx armat u lanqas il-mejda tal-cake. Huma bdew iduru man-nies seated u marru jgħidu lil Edward jagħħmlilhom mejda malajr. Mis-siegħa u nofs sat-tlieta u nofs in-nies kienu għadhom bi platt wieħed. Hi qalet kif ir-regola kienet li tistenna l-għarajjes qabel ma tibda, u l-ewwel platt li ħareg kien sabiħ, għalkemm l-intimat ma ħasibx li kien ta' livell. Huma ma waqfuhx milli joħrog l-ikel. Fit-tlieta u nofs hi telgħet fil-kċina fejn qaltlu li għandhom problema għax il-waiters mhux qed joħorgu l-ikel. L-ikel imbagħad beda ħiereg iktar malajr għaliex talbet favur minn mistieden li kien jaħdem fil-mestier biex dan imur imexxi l-kċina.

e. Mistoqsija dwar l-overtime hi qalet li meta tikkwota sigħat ta' tieġ inti toffri pakkett u jekk inti ma tkunx laħħaqt ma zzidx ħinijiet esaġerati ta' overtime imma tibbaża fuq is-siegħat tat-tieġ. Għal wedding planning kien hemm ħaddiehor ingaġġat. Ir-rati li ħallset hi kienet għal tmien sigħat li lanqas biss għamlithom kollha. Il-barman ma ramax il-bar, għax dan kien xogħol il-bestman. Ramaw il-bars fil-11 ta' filgħodu x'ħin wasal il-bestman.

11. Fl-affidavit tiegħu **Ralph Vassallo**[21]:

a. Ikkonferma il-kontenut tal-affidavit tal-intimata. Huwa spjega kif fis-sena 2019 hu u martu bdew iħejju għat-tieġ tagħhom li oriġinarjament kellu jsir fit-8 ta' Awissu 2020. Filwaqt li ħadu stimi mingħand caterers oħra għażlu li jaħdmu bir-rikorrent. Xtaqu li bħala venue isir fejn kienu jaħdmu l-intimati ossia l-Melita Gardens Salina ġewwa l-Qawra iżda eventwalment dan ma sarx minħabba t-tibdil fid-data. Qal lihu kien diġa jafu lir-rikorrent għaliex kien jaħdem miegħu ġewwa l-Hilton u anki l-Maypole u jafu bħala bniedem professjonali. Anki ikkompetew flimkien f'kompetizzjoni bl-isem ta' Malta Kulinarja. Ir-rikorrent kien ħadem ma' James Caterers qabel ma fetaħ għal rasu.

b. L-intimat spjega kemm huwa jaf li Steve Mallia kien bniedem metikoluż u li kien jieħu ħsieb jagħmel kollox hu minbarra l-ħelu. Dan jafu għaliex meta kienu jaħdmu l-Hilton kien jordna mingħand xi ħadd jismu Ronnie. Spjega kif

---

[21] Fol 140

iltaqgħu l-ewwel darba miegħu fid-19 ta' Settembru 2019 ġewwa l-Melita Gardens tas-Salini u dan biex jaraw il-menus flimkien u jiftehmu – u hekk għamlu. Għalkemm kienu għażlu dak li riedu bħala items għat-tieġ huwa ħallihom liberi li jbiddlu sa ġimgħa qabel it-tieġ u dan bl-istess prezz miftiehem mill-bidu.

c. Qal li r-rikorrent dejjem qalilhom li kien se jkollhom tieġ ta' kwalità b'rispett tal-ħbiberija tagħhom u li hu ukoll jaf kif kien jaħdem b'dana li anke qalilhom li jekk iġibu l-frott kien ser inaqqax l-inizjali tagħhom fihom. Wara din l-ewwel laqgħa l-intimati tawh is-somma ta' € 9600 bħala depożitu li € 500 minnhom kienu tips peress li huwa qal li kien se jidħol f'dan id-dettall.

d. Spjega kif il-ftehim dejjem kien li jekk kellu jinqala xi ħaġa huwa kien dejjem dispost jagħtihom id-depożitu kollu lura ħabba din il-ħbiberija, u li ma kienx se jmiss iċ-ċekk qabel.

e. L-intimat spjega kif f'Marzu 2020 faqqgħet il-COVID u faqqgħet ukoll il-marda tal-kanċer ta' missieru u għalhekk iddeċidew li jħassru t-tieġ. Kienu ċemplu lil numru ta' suppliers u dawn kienu tawhom id-depożitu lura iżda r-rikorrent ma setax jaqbdu biex jinfurmah b'dan kollu. Meta eventwalment kkomunika miegħu dan qallu li ma setax itih id-depożitu lura għaliex kien nefqu. Biex ma jarmux dawn il-flus ddeċidew li jibqgħu għaddejin bit-tieġ iżda b'data ġdida ossia l-14 ta' Frar, 2021. Huwa kien qalilhom li kien se jżomm l-prezz l-istess minkejja t-trapass taż-żmien. Ġara li missier l-intimat kien marid serjament u sabiex jilħaq it-tieġ iddeċidew li jressqu it-tieġ għall-20 ta' Settembru 2020. Ħadd ma kellu problema b'din id-data minħabba li bil-pandemija ħadd ma kellu xogħol.

f. Qal li sa dak iż-żmien laħqu ħarġu diversi miżuri ħabba l-pandemija fosthom li tiġijiet riedu jsiru bilfors seated fejn mejda ried ikollha mhux aktar minn 8 persuni u li jinżammu d-distanzi relattivi. Kien hemm ukoll bżonn nurse biex tieħu t-temperatura ta' kull mistieden u permessi tal-MTA li kien validu għal bejn is-1pm sas-6pm. Għalhekk kellhom isiru xi arranġamenti ġodda fosthom li l-ikel kellu jkun finger food u jiġi servut ukoll main course. Kien għalhekk li huma kellmu lir-rikorrent u staqsewh għal set menu u li jagħmlu bbq menu fejn dan qabad u qallhom li ma kienx ta' buthom. Ftakar kif minn dakinhar ma tantx baqa jikkoopera magħhom.

g. Sar ftehim ġdid fejn reġgħu iddeċiedu x'riedu bħala finger food, u li kellu jsir live cooking ta' ikel indjan. Steve Mallia kien kkwotalhom l-prezz tal-ikel Indjan bħal € 6.50 ir-ras iżda huma xtaqu jgħolluh għal € 7.50 ir-ras biex il-platt ikun ikbar. Bħala prezz finali tal-menu huma kienu ftehmu fuq € 22.50 ir-ras inkluż il-finger food iżda qatt ma tahom menu. Li huwa ċert huwa li ma ridux jiġu servuti pastizzi. Huwa qal li ċempillu diversi drabi iżda kienet diffiċli taqbdu għalkemm darba minnhom kien hdejn Ronnie Caruana, dak li kellu jagħmel il-ħelu għat-tieġ tagħhom.

h. Minħabba li dawn il-menus qatt ma waslu iddeċidew illi jiltaqgħu ġewwa l-Melita Gardens fis-Salini propju għalhekk, liema laqgħa saret fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2020. Baqa' xorta ma ġabx il-menus miegħu u ma kienx preparat. L-intimat offrielu karta biex jikteb dak li kienu qed jiddeċiedu iżda dan qallhom li kien preparat. Kellhom jerġgħu jiltaqgħu t-Tnejn ta' qabel it-tieg fejn qalilhom li żgur kellu jġib kollox miegħu. Iltaqgħu imma reġa ġie b'xejn. Baqa jfakkru fil-menu sal-ahhar iżda l-intimat ma kellu xejn x'jagħti lil best man biex ikun jista jivverifika l-items servuti.

i. Ġara li fil-ġimgħa tat-tieg it-tifel tal-intimati kien ma jiflaħx iġda s-sitwazzjoni kienet kontrollabbli. It-Tnejn ta' qabel it-tieġ Steve Mallia ċempel lill-mara f'paniku fejn qalla li beda jibża jagħmel it-tieġ għaliex 3 chefs għalih ma kinux biżżejjed u għalhekk il-mara qaltlu biex iqabbad aktar nies jekk ħass il-bżonn għal hekk. Għalhekk kien se jkun hemm ħamsa inkluż hu. Ftakar kif f'dik l-istess ġimgħa, waqt telefonata oħra lil xulxin, Steve Mallia kien qallu li mar ġabarlu l-pastizzi u li l-intimat kien inħasad. Għalhekk kien talbu jgħidlu fuq liema menu kien qed jimxi pero dan reġa ma qallux. Steve Mallia ukoll qabad minn jeddu jixtri ħafna disposables minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID minkejja li dawn ma kinux necessarji hekk kif kienet qaltlu diversi drabi l-intimata.

j. Ġurnata qabel ir-rikorrent kien staqsa jekk il-fjuri ta' fuq il-kejk xtaquhomx roża u għal darb' oħra qalulu għal menu iżda dan reġa ma ingħatax.

k. L-intimat ftakar kif huma u qraba involuti fit-tieġ kienu marru s-sala s-Sibt waranofsinhar sabiex jagħmlu xi preparamenti u s-sid tas-sala kien għadda rimarka li ma ħassx li Steve kien qiegħed tajjeb. Ċempillu u staqsieh kienx qabbad headwaiter fejn dan qallu li għadu le. B'hekk is-sid kien qabbad headwaiter huwa stess. Jidher illi Steve Mallia kien mar hemm iktar tard f'sura

xejn diċenti hekk kif infurmathom il-maid of honour. Għal darb'oħra reġa ċempel għal menus iżda ma qabdux.

l. L-intimat qal li dakinhar tat-tieġ waslu s-sala fis-1:30pm u sabu l-maġġoranza tan-nies bilqiegħda. Il-cake kien mingħajr topper. Hemmhekk indunaw li bdew jintużaw diversi disposables. Indunaw li kważi ma ħareġ xejn ikel u li s-silġ kien diġa spiċċa għaliex ftit minnu kien dab għaliex Steve ma laħaqx tefgħhu fit-tankijiet.

m. Hekk kif saru t-tlieta ta' waranofsinhar kienu laħqu ħarġu biss vol-au-vents u pastizzi u l-imwejjed ma kinux qed jiġu sbarazzati. In-napkins kienu kemm suwed u bojod u inxtraw ftit qabel hekk kif ikkonfermat mistiedna milli kellhom.

n. L-intimat spjega kif kull waiter kellu jieħu ħsieb żewg imwejjed jigifieri 16 -il ruħ apparti dawk li kienu qed joperaw bħala runners. Kien hemm xi waiters li bdew jiktbu fuq in-napkins u qas biro ma kellhom. Ftakar ukoll kif beda jisma lil xi ħadd jordna drink fejn il-waiter qallu li ma kellhomx u dan kien mar jikkoreġih mill-ewwel. Mument minnhom waqaf kemm l-ikel u kemm ix-xorb. Il-bestmen spiċċaw saħansitra jagħmlu xogħol il-waiters għax ma setgħux jikkomunikaw mal-mistiedna. Semma anke kif waiter stess ma indunax li l-intimata kienet l-għarusa meta talbet li drink tagħha jinbidel.

o. Kien għalhekk li imbagħad l-intimati daħlu fil-kċina biex jaraw dak li kien qed jiġri, fejn huwa sab ħmieġ u disordni. Sab lill-waiters jieklu filwaqt li l-mistiedna kienu għadhom bil-ġuħ. Staqsa biex ikellem lill-headwaiter fejn dan qallu li t-tieġ kien disastru u b'hekk induna li kien hemm problema bejnu u bejn ir-rikorrent. Huwa qal lil waiters biex joħorġu jservu u jisbarazzaw flok jilgħabu bil-mobile, filwaqt li ra lil Steve ippanikjat immens – ra ukoll li kien hemm tlett persuni biss bħala staff.

p. Minkejja li ftehmu li kien ser joħroġ tray wieħed u l-waiters iduru man-nies xorta waħda tefgħu it-tray fin-nofs tal-mejda u kulħadd beda jieħu mill-istess platt. Huwa imbagħad informa lill-intimata x'kien qed jiġri fil-kċina u din qabdet mistieden jismu JJ li kien jifhem f'dan is-settur sabiex imexxi kollox hu.

q. Minkejja dan, xorta baqa ħiereġ l-istess ikel – pastizzi u vol-au-vents. L-ikel indjan imbagħad ħareġ ġo kaxxi *disposable* li ma kienux tajbin għall-piż ta' dan l-ikel apparti li ħareġ bil-frieket imdewwbin fih.

r. Peress li missier l-intimat ma tantx kien qed iħossu sew, kienu qasmu l-kejk kmieni. Fis-6 kien diga gie il-vann ta' Fonzu li kien qiegħed jieħu ħsieb ix-xorb. F'dak il-punt Steve kien prova jkellmu imma l-intimat ma riedx għax kien ħassarlu l-ġurnata. Huwa għalhekk qal l-overtime ma jagħmilx sens.

s. Ħadu l-ikel li kien fadal biex jiffrizawh u hemmhekk indunaw li kien hemm ħafna pakketti u kaxxi ta' ditti oħra. Filfatt, l-għarus tal-maid of honour, li jaħdem mal-Maypole kien ra li kien hemm ordni għalih għall-istess ġurnata tat-tieġ tagħhom, però kienet għal 100 persuna u allura ma tħassibx ħażin.

t. Wara t-tieġ Steve kien ċempel biex jgħidlu kemm kellhom tieġ sabiħ u l-intimat qallu li definittivament ma kienx il-kas.. Huwa baqa jistaqsih għalfejn ordna l-ħelu mingħand il-Maypole u mħux mingħand Ronnie kif kienu ftehmu u għal dan huwa baqa ma tax risposta iżda qallu biss li kien għamillhom tieġ tajjeb.

u. L-intimat qal li iħoss li għandu jieħu rimbors ta' dak kollu li ħallas għax ir-rikorrent ma pprovda xejn minn dak li wiegħed u minflok irrovvina l-ġurnata tat-tieġ tagħhom. Imbagħad ipprovda l-istess rendikont ta' spejjeż li tat l-intimata fl-affidavit tagħha kif ukoll lista ta' ikel li ma ġiex servut.

12. Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 xehed in kontroeżami l-istess **<u>Ralph Vassallo</u>**[22]**:**

a. Ikkonferma li l-għażla tal-menu għoli kienet fil-bidu u li wara kien hemm numru ta' tibdiliet minħabba ċ-ċirkustanzi. Huma kienu staqsew lil Steve Mallia għal menus oħrajn bħal BBQ menu u set menu li però ma waslu qatt.

b. Minħabba l-pandemija kien hemm ċertu restrizzjonijiet. Kellhom il-konferma ta' Steve Mallia li setgħu ibiddlu sa ġimgħa qabel it-tieġ. Għar-rigward tal-messaġġ ippreżentat ix-xhud qal li hemm referenza għal € 18.00 ir-ras u huma gew icchargjati € 22.00 ir-ras. L-ikel indjan kien separat u flok ġew iccargjati € 6.50, il-prezz kien ta' € 7.50. Wara dan il-messaġġ Steve Mallia ċempel lill-intimat jumejn wara u qallu li ma riedx jagħmel dak il-menu u qallu li jmorru għal dak ta' € 23.50 flok € 22.50 u l-Indjan ikun € 7.50 bħala platt tal-main

---

[22] A fol. 411

course. Huma ma ġewx iċċarġjati € 18 ir-ras. Mistoqsi qattx kien hemm ġobon u frott fit-tieġ hu qal li cheese table qatt ma kien hemm minħabba l-pandemija.

c. Mistoqsi jekk id-diskors kienx li d-data tat-tieġ kellha tinbidel (meta ġiet diskussa r-rifużjoni tad-depożitu) hu qal li d-data kellha tinbidel diversi drabi minħabba li kien hemm problemi personali. Steve Mallia kien għamilha ċara illi € 9600 kien ha jitfagħhom f'kont li mhux se jintmessew u dan biex ikun jista iroddhom lura jekk jinqala xi haġa.

d. Dwar il-€ 500 tips, ir-rikorrent qabad u għamilhom tiegħu mill-ewwel meta dawn kienu se jingħatawlu fl-aħħar għaliex kien se jagħmel ħafna irfinar bil-ġobon u l-frott, mentri dawn imbagħad ma sarux iżda xorta għamilhom tiegħu.

e. Qatt ma riedu affarijiet *disposable* u kienu kellmu lil MTA dwar dan li qalulhom li platti u pożati *disposable* ma jkunux tajjeb għall-ambjent.

f. Steve Mallia kien assigurah li l-waiters kienu se jkunu professjonali u kapaċi jikkomunikaw mal-mistednin.

g. Fir-rigward tal-inċident mal-headwaiter l-intimat qal li ma kienx jaf minn huwa l-headwaiter, għaliex qatt ma kellhom meeting miegħu. Hu qal kif lanqas ma kien Steve li qabdu iżda dan kien tqabbad minn sid is-sala u dan jafu għaliex is-sid kien ingaġġah quddiemhom stess. Huwa qal li kien keċċieh dakinhar għax daħal fil-kċina u sab rebus sħiħ u x'ħin staqsieh x'kienet il-problema, Steve innifsu għamel sinjal b'għajnejh li t-tort kollu kien tal-head waiter. Il-headwaiter qallu li jekk irid huwa seta' jitlaq.

h. Rigward l-iżbarazzar tal-imwejjed u s-siġġijiet, u d-dvalji, dawn ġew ordnati minn kumpanija privata u din bagħtet il-ħaddiema tagħha fis-sitta ta' filgħaxija biex iżarmaw.

i. L-intimat qal li huwa kien jagħmel dan ix-xogħol u li c-charge għal ħaddiema tkun għas-servizz li jingħata matul il-ħin tal-funzjoni.

j. Meta ġie mistoqsi x'kien għad fadal bħala bilanċ x'jitħallas lir-rikorrent, qal li prattikament ma kien għad fadal xejn x'jitħallas.

13. Ġie ippreżentat affidavit ta' **<u>Mark Atkins</u>** [23] u cioe wieħed mill-*bestmen* ta' dan it-tieġ:

a. Minkejja li ftehmu li kien ser joħroġ tray wieħed u li l-waiters iduru man-nies xorta waħda tefgħu it-tray fin-nofs tal-mejda u kulħadd beda jieħu mill-istess platt. Huwa imbagħad informa lill-intimata x'kien qed jiġri fil-kċina u din qabdet mistieden jismu JJ li kien jifhem f'dan is-settur sabiex imexxi kollox hu.

b. Minkejja dan, xorta baqa' ħiereġ l-istess ikel – pastizzi u vol-au-vents. L-ikel indjan imbagħad ħareġ ġo kaxxi *disposable* li ma kienux tajbin għall-piż ta' dan l-ikel apparti li ħareġ bil-frieket imdewwbin fih.

c. Ikkonferma li t-tieġ kien sar ġewwa Castello dei Baroni, fi żmien il-COVID, fejn kien hemm total ta' 260 mistieden dakinhar. Oriġinarjament dawn kien 300 mistieden. Kien hemm 31 mejda b'sitt/tmien persuni kull mejda – 14 gewwa u 17 barra. Kull waiter kien assenjat żewg imwejjed u b'kollox kien hemm 20 waiter.

d. Huwa spjega kif qatt ma kien rċieva menu għaliex il-koppja qatt ma kienet ingħatat menu u dan għax jidher li Steve ried jibqa flessibli u ma jintrabatx b'menu formali.

e. Matul ir-riċeviment, tqassmu l-pastizzi meta l-intimat kienu qalulu diversi drabi lir-rikrorrent li ma riedux dan l-item. Spjega kif huwa kien qagħad bestman tliet darbiet oħra u qatt ma esperjenza tant tibdil ftit siegħat qabel it-tieġ u anki matul it-tieġ.

f. Huwa iltaqa ma Steve l-ewwel darba fid-29 ta' Lulju 2020 u ġew diskussi ħafna affarijiet. Ix-xhud kien qallu li mhux se jkollu ċans iqassam kollox matul it-tieġ. Huwa qal li xtaq lista ta' human resources u lista tal-food items ħalli jkun jista' jikkonferma li ħareġ kollox sew. Daħal diversi drabi fil-kċina isaqsi għal ikel iehor għax beda jara l-istess ikel ħiereġ.

g. Qal li r-rikorrent ma tax kas il-mistednin li kellhom *dietary requirements* partikulari minħabba l-allerġiji. Bintu kienet propju waħda minnhom li kellha tingħata ikel partikolari. Ra b'għajnejh stess li dan ma kienx qed jagħti kas li

[23] Fol 155

jipprevjeni l-cross-contamination fil-kċina u għalhekk ix-xhud ma bediex jafda l-ikel li beda joħroġ.

h. Bdew ħerġin l-vol-au-vents ftit wara s-siegħa u dawn baqgħu ħerġin għal tul ta' ħin tant li fit-3:30pm bdew jitilqu in-nies għax kienu bil-guħ. Ir-rikorrent baqa jassigurah li kien fadal ħafna ikel x'joħroġ imma baqa ma ħareġ xejn ħlief l-ikel indjan u pastizzi – li huwa kien cert li l-għarajjes ma rieduhomx.

i. L-ikel indjan ħareġ biss bil-ħila ta' xi qraba tal-koppja li daħlu jgħinu fil-kċina. Il-waiters bdew jaqdu l-imwejjed bla sekwenza b 'dana li ma kien hemm l-ebda konsistenza fl-ikel u x-xorb. Ftakar kif ġibdulu l-attenzjoni li bdew joħorġu flixkien sħaħ tax-xorb fuq l-imwejjed li zgur kien kontra l-protokoll tal-COVID.

j. Ra lil waiters jiktbu fuq in-napkins u ra li s-silġ kien dab mal-art u spiċċa biex inħela.

k. Il-kejk spiċċa inqasam fil-5:00pm minħabba li n-nies bdew jitilqu għaliex kienu bil-ġuħ.

l. Rigward overtime huwa baqa hemm sat-8pm sakemm ġabar l-affarijiet u kollox kien diġa żarmat. Huwa ikkonferma li ra l-kaxex tal-ikel ta' ditti oħrajn. Ftakar ukoll li ċ-ċavetta tal-istore spiċċat għandu għaliex wara li l-intimat iddeċieda li jwaqqaf lill-headwaiter (minħabba li ma kienx qed jagħmel xogħolu) huwa kien qed jidderieġi kollox minfloku.

14. Fl-affidavit tiegħu **<u>Kyle Micallef</u>**[24]:

a. Qal li huwa kollega u ħabib mill-qrib tal-koppja. Huwa ukoll kien bestman fit-tieġ tagħhom. Qal illi huwa wasal is-sala dakinhar tat-tieġ fl-12:00 sabiex jikkonferma li kollox kien preparat u dak il-ħin il-waiters kien għadhom ma waslux. Huma waslu fin-12:30pm fejn sa dak il-ħin huwa qagħad jgħin lis-security jidderieġi lin-nies fejn għandhom jpoġġu.

b. Spjega kif wara li inħeles is-seating, Mark Atkins kien għaqqad il-waiters biex jgħodd l-istaff li kienu preżenti u hemmhekk indunaw li l-uniformi ma kinitx

[24] Fol 159

preżentabbli, tant li bdew ifittxu qmis bajda għal waħda minnhom li libset t-shirt.

c. Meta ġew l-għarajjes dawn ħadu qatgħa għax indunaw li l-mejda tal-kejk kienet għada kif kienu ħallewa huma il-ġurnata ta' qabel u l-kejk ma kellux topper. L-għarusa marret tiċċekja ma' Steve Mallia u dan qalilha li kien tilef it-topper.

d. Rigward l-ikel il-ftehim ma' Steve kien li joħroġ bejn is-1:30pm u 3:30pm u fis-1:30pm ħareġ l-ewwel platt bil-canapes fuq platti individwali. Wara dan harġu vol-au-vents u pastizzi li żgur li ma kinux ordnati u ħarġu fuq l-istess trays, kontra kull protokoll u kontra dak miftiehem mal-koppja.

e. Qal li hu kien qal lil Steve Mallia biex joħroġ il-kumplament tal-ikel għax in-nies bdew igergru bil-ġuħ imma ma kienx ta kasu. Kienet l-għarusa stess li marret fuq wieħed mill-mistidnin biex tistaqsih jgħinha u dan hekk għamel.

f. Spjega kif fit-3:30pm l-għarajjes kienu miftiehma ma' Steve Mallia biex joħroġ l-ikel Indjan li kien main course għal kulħadd. Sal-4:30pm dan kien għadu ma ħariġx u l-għarusa kienet batitu biex jgħidlu biex iservih. Meta mar fil-kċina kien hemm il-mistieden jidderiġi lill-kulħadd u anki n-nurse kienet qegħda hemm ġew tgħin.

g. L-ikel indjan ħareġ ġo kaxxa tal-kartun f'forma ta' dgħajsa u l-frieket kienu tal-plastik u għalhekk kienu dagħbu. Hafna nies bdew igergru li l-kwalita tal-ikel ma kinitx tajba u ma kienx li jittiekel. Fil-kċina kien hemm ħafna taqlib u ħmieġ u l-ikel kien qed jiġi preparat mingħajr użu ta' maskri.

h. Huwa qal li kien jaf li kellu jiġi preparat ikel speċjali kemm għall-għarusa u kemm għal xi nies li jbatu minn xi allerġiji imma dan ma kien ġie ppreparat u n-nies baqgħu ma kielux. Ikkonferma li l-ikel li ġie preżentat dakinhar ma kien xejn bħal dak li ġie muri qabel it-tieġ. In-nies ma missewx ċertu ikel minkejja li kienu bil-guħ.

i. Huwa qal li huwa ċert li kien hemm ikel u ħelu ordnat mingħand id-ditta Maypole u dan għaliex hu jaħdem ma' kumpanija tal-catering fejn ġieli jordnaw ħelu mingħand ħaddieħor, pero f'dak il-każ il-klijenti jkunu avżati minn qabel. Il-kaxxi li ngħataw wara it-tieġ kienu kollha tal-Maypole.

j. Qal li l-mistidnin qabdu jitilqu u għalhekk il-kejk inqasam kmieni fil-ħamsa flok fis-sitta. Il-waiters ma bdewx innaddfu l-ikel minn fuq l-imwejjed. Rigward ix-xorb l-ordnijiet riedu jsir minn mal-mejda minħabba l-protokoll tal-COVID. Għalhekk ġie assenjat waiter kull żewġt imwejjed imma dan il-pjan ma nzammx tant hu hekk li meta ħareġ id-dishwasher mill-kċina bdew isaqsuh għad-drinks.

k. Inoltre qal li l-waiters li suppost kienu mal-bar ma kinux imħarrġa u żammew lin-nies jistennew. Ftakar kif meta hu mar jordna drink qalulu li ma kienx fadal meta imbagħad huma stess sabuh wara fir-returns.

l. Ikkonferma li hu kien l-aħħar persuna li ħareġ mis-sala u dan qabel it-8:30pm. Biss biss kien kera karozza dakinhar li sat-8:30pm kienet diġa ħaditu lura.

15. Fl-affidavit tagħha **Kimberly Joan Psaila**[25]:

a. Spjegat li hi kienet maid of honour f'dan it-tieġ u taf li ommha Catherine u Ralph Vassallo kienu ilhom li organizzaw dan it-tieġ.

b. Ikkonfermat illi huma kienu baqgħu mingħajr menu sal-aħħar mument qabel it-tieġ. Ftakret kif meta bdiet iddur man-nies biex jinġabru r-rigali bdiet tismagħhom hi stess igergru li kienu bil-ġuħ u oħrajn anki qalu lill-għarajjes f'wiċċhom b'dan.

c. Meta telgħet fis-sular ta' fuq tpoġġi ir-rigali f'posthom ittawlet f'tieqa li tagħti fil-kċina u rat in-nurse tgħin fil-kċina kif ukoll l-istaff ta' Steve Mallia jieklu.

d. Taf biċ-ċert li ommha ma kienet qatt ser tordna ikel bl-għaġina għaliex hija allergika imma dan l-ikel xorta beda ħiereġ. Qalet li hi ma kielet xejn fit-tieġ għaliex xejn ma kien qed iħajjarha biss però taf li ħargu canapes, vol-au-vents u pastizzi. Dawn kellhom jisservew fuq platti individwali hekk kif kienu l-canapes imma dawk li ġew wara kienu kollha mitfugħa fuq tray u kulħadd beda jieħu hu.

[25] Fol 164

e. Qalet li omm l-għarusa kellha titlaq qabel għax kien ninzlilha z-zokkor u magħha telqu ħafna mistidnin oħra. Ftakret kif wara l-erbgħa beda ħiereġ ikel Indjan li ġie servut f'kontenitur tal-karti fejn anki l-frieket bdew idubu.

f. Spjegat kif hi spiċċat isservi d-drinks lin-nies, minħabba li dawn waqgħu lura. Kien hemm ukoll Kyle Micallef u oħrajn jgħinu. Peress li s-silġ tħalla jdub kien hemm panikk kbir u n-nies kienu se jiżolqu fl-ilma. Hi ukoll xtaqet drink u qalula li ma kienx għad fadal imma imbagħad instab dan id-drink mar-returns.

g. Kien hemm problema kbira ta' komunikazzjoni għaliex l-istaff ingaġġat ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż. Inoltre ma bdewx innaddfu l-imwejjed.

16. L-intimati ppreżentaw ukoll l-affidavit ta' **Jurgen Diacono**[26] li jiġi l-gharus ta' Kim Joan Psaila:

a. Hu ikkonferma li jaħdem bħala producton clerk mal-Maypole u jaf li kien hemm order għal cake li s-soltu tidħol għal xi tieġ jew okkażjoni speċjali, u darba daħlet ordni għal cake tal-lumi li kien jissejjaħ 3D. Spjega li jiftakar sew għaliex kien hemm personalment meta saret din l-ordni.

b. Sakemm kien it-tieġ għaraf ukoll ċertu items bħal Assorted French Pastries, fosthom il-Cassatella Siciliana. Steve Mallia kien jaħdem fil-fabbrika tal-Maypole u għalhekk ħafna impjegati kienu ilhom jafuh. Hu kien għamel ordni għal mitt ruh. L-ordni tal-cake kienet *special order* li daħlet ġimgħa qabel it-tieġ u li din kienet ordni ta' malajr.

c. Huma kienu infurmawh ukoll li kien hemm ordni oħra imħallta ta' items sħan u kesħin u anki ħelu. Din kienet inġabret minn Steve fl-20 ta' Settembru 2020 stess jiġifieri fil-ġurnata tat-tieġ. Huwa qal li anki mit-togħma dakinhar seta jagħraf li l-ikel kien tal-Maypole imma imbagħad ikkonferma mal-uffiċċju.

d. Qal li huwa ma baqax jaħdem hemm iżda ftakar li kien hemm *purchase order* li kienet bl-items li ħareġ fit-tieġ tal-intimati.

17. Fl-affidavit tiegħu **Joseph Schembri** (magħruf bhala JJ)[27]:

---

[26] Fol 166
[27] Fol 170

a. Spjega kif huwa kien mistieden it-tieġ u wasal fis-sala fin-12:30pm. Mal-mejda tiegħu huma kienu ħamsa bih inkluż u mill-ewwel fehem li l-waiters kienu konfużi. Huwa kien jahdem bħala *food and beverage manager* u anki *banqueting manager* u għalhekk kellu l-esperjenza f'dan il-mestier. Induna li l-waiters bdew iservu l-istess mejda darbtejn flok imorru fuq li jmiss.

b. Ftakar li l-għarusa ġiet għandu tibki u staqsietu għall-għajnuna biex titranġa s-sitwazzjoni għaliex kienu qalulha li l-ikel kienu se jħalluh fil-kċina u ma kienx se jisserva. Spjega kif meta daħal ġol-kċina ħa qatgħa bil-ħmieġ li kien hemm.

c. Meta staqsa min kien qed jieħu ħsieb, is-sid tal-kumpanija tal-istaff qal li l-headwaiter kien telaq u minfloku kien qed jieħu ħsieb hu, kemm ġewwa u kemm barra. Ix-xhud però ra li dan ma setax ikun għaliex dan il-persuna kien fil-kċina u ma kienx liebes ħwejjeġ addattati. Fil-kċina huwa spjega kif ra biss lil Steve Mallia u kok ieħor helper.

d. Meta kien qiegħed fil-kċina il-waiters bdew jistaqsu kienx hemm aktar minn ċertu item tat-tiġieġ għaliex kien hemm mejda li ma ġietx servuta minnu u Steve Mallia qallhom li ma kienx fadal.

e. Fil-kċina f'ħin minnhom kien hemm in-nurse u r-ragel tagħha jgħinu lill-catering team jaqtgħu il-pita bread.

f. Huwa organizza il-kċina, neħħa it-trays maħmuġin u bagħat għall-kitchen helper, u bdew sistema ta' katina biex l-ikel joħroġ b'mod effiċjenti. Kien hemm waitress Maltija u qalilha kif tidderieġi l-waiters aħjar u dan għaliex hi biss kienet tifhem bil-Malti u Ingliż sew.

g. Huwa qalilhom biex wara li l-waiters ikunu servew l-ikel fit-trays u jidħlu fil-kċina jimsħu t-tray sakemm jistennew l-ikel li jmiss ħalli hekk il-helper seta jgħin lix-chef.

h. Lil Kyle Micallef kien qallu biex jaqla tlett waiters minn mal-bar ħa jidħlu fil-kċina u l-ikel joħroġ aktar malajr u dan hekk kien għamel.

i. Huwa kkonferma li bħala ikel huwa jiftakar li kien hemm vol-au-vents. Chicken skewers, chicken fingers, ikel Ciniz  u ikel Indjan – ross, pita bread u

curry. L-ikel Indjan ġie servut ġo platt f'forma ta' dgħajsa u l-furketta tal-plastik dabet go fih.

j. Wara li dan ġie servut ix-chef kien qallu li kien għad fadal biss tlett items u dan għall-ħabta tal-4:30pm. Kien dak il-ħin li hu mar lura f'postu u filfatt wara ftit inqata' l-cake.

18. Fl-affidavit tagħha **Doreen Sultana**[28]:

a. Qalet li hi kienet taħdem fil-catering mal-għarusa. Spjegat kif l-intimata kienet urietha l-menu ta' Steve Mallia u kienet faħħritu qabel it-tieġ tant li hi bdiet titħajjar tqabbdu għat-tieġ tat-tifel tagħha. Minħabba li kellha każin tal-futbol ġewwa Santa Venera indunat pero li l-ikel li ġie servut kien bħal dak li sservi hi u mhux ikel ġenwin u homemade. Wara li rat x'għamel fit-tieġ tal-intimati marritilha l-ħajra biex tuzah.

b. Qalet illi meta waslet it-tieġ kollox kien sew u mal-mejda tagħha kienu ħamsa. Setgħet tinduna pero li l-waiters ma kellhomx training tant li l-ordni tad-drinks tagħhom waslet xi siegħa wara.

c. L-ewwel platt ta' ikel kien canapes ġo platt tal-kartun li kien fih ħames biċċiet u kulħadd kellu jieħu waħda. Wara dan l-item ħarġu l-pastizzi li kienu qishom mixtrijin minn pastizzeria tant li bdew jiċċajtaw hux mixtrijin mill-Maxims jew mill-Isphinx.

d. Ħarġu ukoll l-ispring rolls u l-panini bil-pate' li ġew servuti ġo platt wieħed fin-nofs tal-mejda.

e. Ftakret kif għal xi 4pm ħareġ ikel Indjan ġo kaxxa qisha tal-McDonalds li pero hi ma daqitux għax ma ħajjariex. Meta bdiet titkellem mat-toilet attendant din qaltila li ġieli ħadmet bħala waiter u ġieli bħala cleaner. Ftakret episodju fejn ħabib tagħhom talab drink (Black Label) u tal-bar qaltlu li ser tiċċekja jekk kellhomx meta dan kien ilu jixrob mill-istess *dring* tieġ sħiħ.

f. Mal-mejda tagħha la waslilha xampanja, la cake u lanqas ħelu.

---

[28] Fol 172

g. Hija spiċċat issabbar lill-għarusa għaliex din kienet iddispjaċuta b'dak li ġara u ħasset li r-rikorrent kien irrovinalha l-ġurnata.

h. Qabel ma telqet, xi 5:30pm kien hemm minibus driver li beda jsaqsi għall-waiters biex jiġborhom u dawn hekk għamlu – kien hemm grupp ta' madwar 10-12-il waiter.

i. Qalet li kienet taf x'ordnaw għaliex l-intimata kienet urietha l-menu b'ħafna food items qabel it-tieġ.

19. L-intimati ppreżentaw affidavit ieħor ta' **Catherine Micallef**[29] li tiġi omm l-għarusa:

a. Hija qalet li waslet is-sala għal xi 1:45pm. Iltaqgħet ma' binha Charles Micallef u fuq il-mejda huma kienu erbgħa. Waħda minnhom fuq il-mejda kienet lactose intolerant u għalhekk kellu joħroġ ikel differenti għaliha. Pero baqa ma ħareg xejn tajjeb għaliha.

b. Qalet li kienu ilhom ħafna mal-mejda meta ġew żewg waiters jieħdu l-ordni tad- drinks li waslet tard. Wara din l-ordni damu ħafna ma jerġgħu jiġu u għalhekk it-tifel tagħha beda jordna drinks doppji. Imwejjed oħra kienu għamlu bħalhom.

c. Beda joħroġ l-ikel u waslu l-vol-au-vents fejn kien hemm waħda għal kull persuna u ħargu tlett darbiet.

d. Wara ħarġu l-pastizzi għall-ammont sostanzjali ta' ħin u wara ħarġu panini żgħar qishom bil-luncheon meat. Qalet li ma setgħet tieħu xejn għaliex hija dijabetika. It-tifel qalilha li kien aħjar li jmorru għax kien hemm riskju li jinżlila z-zokkor u għalhekk telqu xit-3:30pm.

20. Fl-affidavit tagħha **Beverly Micallef**[30], oħt l-għarusa:

a. Qalet li hi kienet waħda mill-bridesmaids u għenet ukoll fil-preparazzjoni tat-tieġ. Kien hemm problemi li inqalgħu fl-aħħar minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID.

---

[29] Fol 174
[30] Fol 175

b. Fis-sala kienu għamlu seating chart bi pjan ta' fejn kienu dawk in-nies li kellhom *special dietary requirements* sabiex kemm ix-chef u kemm l-istaff jkunu infurmati.

c. Qalet li waslu s-sala għall-ħabta tas-2pm u li kollox kien sew. Bdiet iddur mal-bridesmaid l-oħra mal-imwejjed u bdiet tisma l-garr fuq l-ikel u li ma kienx hemm biżżejjed xorb.

d. Indunaw li kienu qed jintużgħu platti *disposable* meta dan ma kienx il-ftehim, fejn l-għarajjes saħansitra ħallsu aktar biex ma jingħatawx platti li jkunu *disposable*.

e. Meta waslet ħdejn il-bar talbet lil-intimat iġibilha tazza ilma u tal-bar ħatfu b'dana li d-drink dam ma wasal – u tahom Sprite minflok.

f. Meta marret ħdejn il-mejda r-raġel tagħha qalilha li l-ikel kien diżastru u prattikament ma kienx hemm ikel. Indunat li kulħadd beda jgħaffeġ f'platt wieħed u dan meta l-għarajjes kienu investew ħafna f'sanitisers u sabiex kulħadd ikun sikur.

g. Talbet rose' lill-waiters u qalulha li ma kellhomx. Talbet luminata u spiċċat tawha ilma minflok u għalhekk setgħet tinduna bl-inkompetenza kbira li kien hemm fost il-*waiters.*

h. Qalet kif fuq il-mejda magħha kien hemm xi ħadd li kellu allerġija għal ċertu ikel u din baqgħet ma kilietx għax ma kienx ħareġ ikel speċjali għaliha. Qalet li kienet marret tkellem l-għarajjes dakinhar u l-għarusa kienet qaltilha x'kienu qalu in-nies rigward l-ikel u s-servizz ħażin u li għalhekk telqu kmieni.

i. Marret tkellem lill-bestman, li kien jaf dwar dan u beda jipprova jirranġa s-sitwazzjoni. Anki hi spiċċat tibki u tikkalma lil ħuha li beda jipprova jikkomunika mal-waiters u dawn ma bdewx jifhmuh.

j. Spjegat kif ommha kellha tmur id-dar għax l-ikel li kien ħiereġ ma kienx tajjeb għaliha u ma kinitx hemm meta qatgħu il-cake. Hi ppruvat tiekol l-ikel Indjan imma sabet furketta imdewwba fih. Ir-ritratti ttieħdu bi sforz kbir mingħajr ommha u ħuha.

k. Wara li inqata l-cake bdew jitqassmu l-qagħaq tal-għasel maqtugħin bl-addoċċ. Hi u r-ragel tagħha telqu ftit wara għax ma felħux aktar tant kemm kienu iddiżappuntati.

21. Ġie ippreżentat l-affidavit ta' **James Vella**[31], ħabib antik tal-koppja:

a. Huwa spjega kif kien wasal is-sala fis-12:45pm u ra li kienu għadhom qed isiru xi preparamenti.

b. Spjega kif hu kien bilqiegħda fuq mejda viċin il-kċina u seta' josserva l-konfużjoni li kien hemm. L-items tal-ikel għaddew kollha minn quddiemu. Ftakar li kien hemm vol-au-vents, pastizzi, u aranċini li kienu ripetuti ħafna. L-ikel Indjan kien ippreżentat f'kaxxa tal-kartun u ma setgħax jieklu kif kien ippreżentat.

c. Huwa qal li kiel ftit affarijiet biex jitrejjaq għaliex l-ikel li ħareg ma kienx iħajjrek. Kien hemm ħafna dewmien għall-ikel u għax-xorb. Il-waiters ma kellhomx order books u bdew jiktbu fuq in-napkins.

d. Kellu suspett li kellhom il-problemi bil-catering pero ikkonferma x'hin ra lill-għarusa tibki. Ftakar illi l-għarus kellhom iżommuh tnejn min-nies daqskemm irrabja ma' Steve Mallia u kien se jidħol anki hu jgħin iżda l-bestman għalaqlu l-bieb.

e. Il-mistiednin bdew jitilqu kmieni tant li ma tantx kien hemm nies meta inqasam il-cake. Huwa ukoll ra l-ikel li inhareġ wara t-tieġ f'kaxex ta' ditti oħra bħal Croce Bonaci u Maypole.

f. Huwa telaq fil-5:30pm.

22. Fl-affidavit tagħha **Amanda Sciberras**[32], waħda mill-mistednin:

a. Qalet li hi waslet fis-1:30pm fis-sala u poġġew fuq mejda fejn kienu tmienja min-nies b'kollox.

---

[31] Fol 177
[32] Fol 179

b. Kellhom jgħajjtu għal waiter diversi drabi sabiex dan jieħu l-ordni tad-drinks u ma kienx jaf x'inhu d-drink li hi ordnat u għalhekk ordnat soft drink.

c. Il-partner tagħha ordna JB bis-silġ u l-waiter qalilhom li ma kellhomx JB. Kienet diffiċċli biex jordnaw it-tieni drink għaliex il-waiters ma kienu jidhru imkien.

d. Xi ħadd fuq il-mejda avviċina waiter li qalilhom li ma kienx hu l-*waiter* assenjat mal-mejda. Pero dak il-waiter li suppost kien assenjat mal-mejda tagħhom beda jinjurahom. Finalment ġie jaqdihom pero din l-istorja bdiet tirrepeti ruħha kull darba li riedu drink.

e. Il-waiter ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliż.

f. L-ewwel platt ħareġ għal xi 2/2:30pm fejn kien hemm ħames vol-au-vents u li għalhekk ma kienux bizzejjed għal kulħadd fuq il-mejda. Talbu platt ieħor imma dan ma wasal qatt. Hemmhekk ħarġu l-pastizzi. Kien f'dan il-mument li hi iddeċidiet tmur tkellem lix-chef Steve Mallia fil-kcina, li inzerta li huwa kuġinuha.

g. Ix-xena fil-kċina kienet tal-biża fejn deher li ma kien hemm iġene ta' xejn u ikel mhux imsajjar bid-dubbien jiġri fuqu. Il-head chef qabad l-ikel b'idejh mingħajr ingwanta u poggieh fi tray biex jissaħħan.

h. Kienet qaltlu li hemm bzonn johroġ aktar ikel u dan qallha li dalwaqt kien se johroġ aktar ikel. Pero l-ikel baqa' ma hariġx. Fl-4/4:30pm ħareġ platt tal-kartun b'ross abjad u zalza ħamra bil-furketta imdewwba fin-nofs. Ppruvaw jiekluh izda ma kienx jittiekel.

i. Rat li l-għarusa bdiet tibki u din qaltilha li kellha ħafna iktar ikel ordnat u rat li bdew jitilqu in-nies kmieni bil-guħ. Kienet qed tibki ukoll għaliex ommha kellha titlaq kmieni minħabba li setgħa jinżlilha z-zokkor.

j. Il-cake inqata fil-5pm u hi baqgħet hemm sakemm telqu l-għarajjes. Ix-xampanja ma nqasmitx u marru jġibuha huma minn fuq il-mejda.

k. Kif kienu hemm hadu biċċa cake tal-lumi, ġew sparati l-murtali u intemmet is-serata. Fil-5:30pm huma telqu 'l hemm. Hi ħasset il-bzonn li tiskuża ruħha

mal-għarusa għax kienet hi li rrakommandatilha lil Steve Mallia u qatt ma basret li dan kien se jagħti servizz daqshekk disastruż.

23. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 xehed **Noel Attard**, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, li ppreżenta l-applikazzjoni tal-intimati għal *wedding grant* taħt Skema A – Weddings/Civil Union Ceremonies, Funerals and Priesthood Ordination Grants, kif ukoll il-korrispondenza ta' bejn Adam Vella[33] u l-intimata Catherine Vassallo,[34] liema korrispondenza tindika illi l-intimati ma ħadux il-grant għaliex ma kellhomx f'idejhom riċevuta fiskali għad-depożitu li kienu għamlu.

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

24. Huwa evidenti li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, regolat fil-liġi taħt l-Art. 1633 *et. seq.* tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tiegħu r-rikorrent bħala appaltatur intrabat li jforni s-servizzi tiegħu ta' *chef* privat u *outside catering* lill-intimati, qua appaltaturi, għar-riċeviment tat-tieġ tagħhom bil-provvista tal-ikel lill-mistednin:

> « 1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.»

25. Fis-suċċint, it-talba tar-rikorrent hija għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tas-servizzi tiegħu mentri d-difiża u l-kontrotalba tal-intimati huma illi huma mhux talli m'għandhom jagħtu xejn iżda inoltre għandhom jieħdu lura l-ammont imħallas minnhom bħala depożitu għaliex skond huma fl-eżekuzzjoni tal-appalt, ir-rikorrent irrovinalhom it-tieġ billi għamel xogħol li ma kienx skond is-sengħa u l-arti u naqas ukoll milli jipprovdi xi affarijiet li ġew inklużi fil-prezz bħal ikel li ma ħariġx u *overtime* li ma nħadimx.

26. Kif intqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet: **L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe. v. Angelo Xuereb noe. et** (03.07.2003, Ċit Nru. 1264/1991/TM):

> « ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana...Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur (fil-kawża odjerna, l-intimati Vassallo) ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-

[33] Rappreżentant tas-CFR
[34] Fol 341 et seq.

obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut (fil-kawża odjerna, ir-rikorrent Mallia) li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll…

… Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert. Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale.

"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)" »

27. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet: **Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et.** (Imħallef A. V. Camilleri, 09.04.1949, Vol. XXXIII.II.379) intqal illi:

«il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad. »«

28. X'inhi n-natura tar-responsabbilita' tal-appaltatur fil-konfront ta' min itih ix-xogħol fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi? Kif intqal fil-ġurisprudenza nostrana,

« huwa dottrinalment u ġurisprudenzjalment riċevut illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti… Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-

bonta` tax-xogħol tiegħu … L-appaltatur li jeżegwixxi ħazin ix-xogħol li jifforma l-oġġett ta' l-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina »[35]

29. L-eserċizzju li għandha tagħmel il-Qorti għalhekk huwa illi:

- qabel xejn tara eżattament fuq xiex kienu ftehmu l-partijiet qabel it-tieġ in kwistjoni inkluż allura l-ftehim li kien hemm dwar l-ikel, l-istaff, l-*overtime* u l-prezz sabiex tistabbilixxi kemm kien ikun il-prezz totali tas-servizzi tar-rikorrent li kieku dawn ġew eżegwiti fit-totalita' tagħhom u skond is-sengħa u l-arti;

- tikkunsidra jekk fl-eżekuzzjoni tal-appalt ir-rikorrent kienx inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tiegħu liema inadempjenza tista' tkun kemm fir-rigward tal-kwalità tal-ikel u tas-servizzi mogħtija u kemm fir-rigward ta' xogħol/ħin li ma ngħatax (inkluż ikel li ma ħariġx);

- f'każ illi tirriżulta inadempjenza - u peress illi d-danni mitluba mill-intimati jikkonsistu biss f'talba għar-rifużjoni tal-prezz imħallas - tikkwantifika l-ammont li għandu jitnaqqas mill-prezz totali tas-servizzi b'mod illi jekk dan ikun iżjed mill-ammont ġia imħallas mill-intimati, tikkundanna lill-istess intimati jħallsu dan il-bilanċ, iżda jekk ikun inqas mill-ammont li ġja ħallsu tilqà l-kontrotalba tagħhom *in parte* jew *in toto* skond kemm il-Qorti tqis li għandhom jingħataw rifużjoni.

**Kunsiderazzjoni: xi ftehmu l-partijiet**

30. Kif ingħad, l-ewwel ħaġa li għandha tagħmel il-Qorti hija li tqis eżatt fuq xiex kienu ftehmu l-partijiet qabel it-tieġ in kwistjoni inkluż allura l-ftehim li kien hemm dwar l-ikel, l-istaff, l-*overtime* u l-prezz u dan sabiex tistabbilixxi kemm kien ikun il-prezz totali tas-servizzi tar-rikorrent li kieku dawn ġew eżegwiti fit-totalita' tagħhom u skond is-sengħa u l-arti.

31. Mill-*affidavits* u x-xhieda prodotti mill-kontendenti jirriżulta b'mod ċar li kien hemm ħafna intoppi sabiex il-partijiet waslu għad-data tat-tieġ u dan kemm minħabba mard serju fil-familja tal-intimat u kif ukoll minħabba il-pandemija tal-Covid-19 u r-restrizzjonijiet li din ġabet magħha fuq avvenimenti tal-massa bħal tiġijiet. Dawn l-

[35] Ara fost oħrajn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet: **Pierre Darmanin v. Moira Agius et.** (Ċit Nru. 323/2002/PS, 06/10/2004)

intoppi waslu għal diversi tibdiliet mhux biss fid-data tar-riċeviment iżda anke fis-servizzi magħżula.

*Dwar il-menu tal-ikel*

32. Fl-*affidavit* tiegħu r-rikorrent qal illi inizjalment fl-2019 huwa kien kiteb lill-intimati u għaddielhom lista ta' erba' *menus* minn fejn setgħu jagħżlu wieħed:

- Wedding Menu 1: Basil/Ħabaq, 40 items, 35 rounds, € 18 kull ras[36]
- Wedding Menu 2: Rosemary/Klin, 38 items, 30 rounds, € 20 kull ras[37]
- Wedding Menu 3: Thyme/Sagħtar, 45 items, 35 rounds, € 22 kull ras[38]
- Wedding Menu 4: Marjoram/Merqtux, 50 items, 42 rounds, € 23.50 kull ras[39]

33. Issa skont ir-rikorrent wara numru ta' tibdiliet fejn filli kien ser jagħżlu l-iktar menù għoli (Menu Nru. 4) u filli kienu ser jagħżlu l-iktar menù rħis (Menu Nru. 1), l-intimati finalment għażlu Menu Nru. 1 b'ċertu tibdiliet fih. L-intimati min-naħa tagħhom essenzjalment jaqblu illi minħabba l-tieġ kien inqaleb għal wieħed *seated* (minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19) intgħażel Menu Nru. 1 fuq suġġeriment tar-rikorrent għall-prezz ta' € 22.50. Madanakollu skond l-intimata ftehmu ukoll illi r-rikorrent iżid l-aqwa ikel mill-Menu Nru. 4 li kienu oriġinalment ħallsu. Skont l-intimata r-rikorrent baqa' ma għaddielhomx il-menu konkluż sa' tlett ijiem qabel it-tieġ u l-intimat addirritura jgħid li dan baqa' ma wasal għandhom qatt.

34. Fl-atti proċesswali ġew esebiti numru kbir ta' *emails* u xi messaġġi li ġew skambjati bejn il-kontendenti li jibdew mis-6 ta' Awwissu 2019 u jibqgħu sejrin sa' tlett ijiem qabel it-tieġ. Fl-*email* datata 17 ta' Settembru 2020[40] mibgħuta mir-rikorrent lill-intimati (*email* li inċidentalment ġiet esebita mill-partijiet kollha) jidher ċar ili fost affarijiet oħra r-rikorrent kien qed joffri l-*menu* tal-ikel għall-prezz ta' € 22.50 il-ras għal tlett mitt (300) persuna (total ta' € 6,750). F'*email* datata dakinhar stess mibgħuta ftit iżjed tard, l-intimata kkonfermat l-qbil tagħha. L-intimata xehdet ukoll illi hija għaddiet lill-*best man* tagħha l-menu anness mal-*affidavit* tagħha bħala Dok CV5[41] u dan m'huwa xejn ħlief il-*menu* nru. 1 magħruf bħala "Basil/Ħabaq". Issa skond ir-rikorrent it-tibdiliet li kienu saru ġew elenkati bil-kitba fid-dokument Dok SMZ3[42],

---

[36] Fol 250-251
[37] Fol 252-253
[38] Fol 254-256
[39] Fol 257-259
[40] *Inter alia a* fol 107
[41] Fol 96-97
[42] Fol 265-266

fejn fost oħrajn kellhom jiġu ordnati *Tartlets* minflok *Barquettes*, *Chicken Kievs*, *Pastizzoti* tat-tiġieġ, *spring-rolls* orjentali bil-papra, *bitter chocolate cups, cassatella* u *qagħaq tal-għasel.* Il-Qorti hija sodisfatta li dawn kienu l-aħħar tibdiliet li qablu fuqhom il-kontendenti u dan mhux biss abbażi tal-prinċipju illi *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur* iżda anke għaliex l-intimata stess *ex-admissis* tgħid illi hija tħobb li jkollha kollox bil-miktub[43] u għalhekk il-Qorti tħoss illi li kieku riedet mod ieħor hija kienet żgur tesiġi li jkollha t-tibdiliet imniżżla bil-kitba.

35. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ftehim kien dak illi r-rikorrent jipprovdi l-Wedding Menu 1 bit-tibdiliet elenkati fid-dokument Dok SMZ3[44] għall-prezz ta' € 6,750. Dan l-ammont jinsab iffatturat fil-fattura numru 353 esebita mar-rikors promotur[45].

*Dwar l-ikel l-ieħor: ġenerali*

36. Fl-istess *email* datata 17 ta' Settembru 2020[46] mibgħuta mir-rikorrent lill-intimati, liema *email* kif ingħad ġiet imwieġba b'*email* oħra dakinhar stess bil-kliem: *"Agreed"*, il-partijiet ftehmu ukoll fuq is-segwenti:

- "€ 7.50 table for 300 pax: € 2,250
- € 7.50 kids food for 15 pax: € 112.50 (starter, chicken nuggets and ice cream)
- € 450 for cake"

*Dwar l-ikel l-ieħor: mejda Indjana*

37. Mix-xhieda ħareġ li l-ispiża ta' € 2,250 kienet għal dik li tissejjaħ "mejda Indjana". Skond l-intimata din kellha tkun "*Indian live cooking table*" b'żewġ *stands* fejn kellu jkun hemm żewġ assistent-chefs jsajru l-ikel Indjan li kellu jiġi servut lill-mistednin fuq l-imwejjed fi platti separati bħala *main course.*

    Meta l-intimata ġiet mistoqsija in kontroeżami fis-seduta tas-17 ta' April 2023 dwar jekk taqbilx li minħabba r-restrizzjonijiet li kien hemm minħabba l-Covid-19 l-ebda *live-cooking* ma seta' jsir, din wieġbet li dan ma kienx il-każ u li f'dan is-sens kellha xi permess mill-Malta Tourism Authority[47]. Issa għalkemm il-*Gatherings & Events Standards Checklist* esebita mill-intimati a fol 316-323 ma turi l-ebda permess f'dan is-sens, madanakollu l-Qorti qieset bħala indikattiv il-fatt illi r-rikorrent bl-ebda

---

[43] Ara xhieda ta' Catherine Vassallo mogħtija fis-seduta tas-17 ta' April 2023 a fol 401
[44] Fol 265-266
[45] Fol 2-4
[46] Fol 107 jew 238
[47] Fol 402

stadju ma ċaħad li tabilħaqq kien ftiehem magħhom li jipprovdilhom żewġ *stands* b'żewġ *chefs* jsajru ikel Indjan bħala *main course.*

Għalhekk il-Qorti tqis li l-ftehim kien dak illi r-rikorrent jipprovdi mejda Indjana b'żewġ *stands* fejn kellu jkun hemm żewġ assistent-chefs jsajru l-ikel Indjan li kellu jiġi servut lill-mistednin fuq l-imwejjed fi platti separati bħala *main course* u dan għall-prezz ta' € 2,250. Dan l-ammont jinsab iffatturat fil-fattura numru 353 esebita mar-rikors promotur[48]. Dwar x'ikel Indjan kellu jiġi servut ma nġiebet l-ebda prova mill-partijiet fil-kors tal-kawża.

*Dwar l-ikel l-ieħor: l-ikel tat-tfal*

38. Filwaqt li l-ftehim kien illi r-rikorrent jipprovdi l-ikel tat-tfal għal-prezz totali ta' € 112.50, l-intimata xehdet illi hija kienet xtrat dan l-ikel minn butha qabel it-tieġ peress illi ma kienetx konvinta mill-kapaċita tar-rikorrent li jsajjar ikel li jkun addattat għat-tfal partikularment minħabba d-*dietary requirements* ta' xi uħud minnhom. Issa għalkemm l-intimati saħqu illi l-prezz ta' € 112.50 ma ġiex mneħħi mill-kont, jirriżulta ampjament ċar illi dan l-ammont ma ġiex fatturat mir-rikorrent fil-fattura numru 353 esebita mar-rikors promotur[49].

*Dwar il-cake*

39. Fl-*email* tas-17 ta' Settembru 2020 il-kliem użat fir-rigward tal-*cake* kien biss: *"€ 450 for cake".* Skond ir-rikorrent il-kejk tat-tieġ kien jikkonsisti f'tlett *cake slabs*, tnejn tal-lewż u ieħor tal-*limoncello.* Issa skond l-intimati, apparti li l-*cake slab* tal-*limoncello* ma kienx kif ordnat (xi ħaġa li sejra tiġi diskussa iktar 'l quddiem), il-prezz ta' € 450 kien oriġinalment għal tlett kejkijiet separati, ossia l-kejk tat-tieġ, kejk li ironikament kien intiż bħala sorpriża għar-rikorrent minħabba l-anniversarju tiegħu u kejk ieħor għal xi ħadd li kien jagħlaq sninu. Ġara illi dawn iż-żewġ kejkijiet tal-aħħar kien spiċċa l-bżonn tagħhom meta ġiet mibdula d-data tat-tieġ u għalhekk ġew kanċellati mill-intimati. Dawn għalhekk isostnu li ma kellux iżomm € 450 għal tlett kejkijiet meta għamel biss wieħed.

40. Mill-korrispondenza esebita joħroġ ċar illi l-intimati m'għandhomx raġun fuq dan il-punt. Fl-*emails* skambjati bejn il-partijiet datati 14 ta' Settembru 2019[50] jirriżulta illi minn dakinhar ir-rikorrent kien qed jipproponi l-prezz ta' € 450 għall-kejk tat-tieġ.

---

[48] Fol 2-4
[49] *ibid*
[50] Fol 238

Kien kważi xahar wara, sewwasew fil-11 ta' Ottubru 2019 illi l-intimata bagħtet *email* lir-rikorrent biex tinfurmah illi: *"għandi bżonn 2 oħra small 1 happy Birthday Darren 1 happy Anniversary"*[51]. Minkejja din il-bidla l-prezz baqa' dejjem l-istess, ossia dak ta' € 450. Anke wara li dawn il-kejkijiet ġew kanċellati, xorta waħda jirriżulta illi fl-aħħar mill-aħħar, sa' tlett ijiem qabel it-tieġ, il-partijiet kienu qed jaqblu mal-prezz ta' € 450 għal kejk wieħed (magħmul minn *tlett cake slabs*) tat-tieġ.

41. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ftehim kien dak illi r-rikorrent jipprovdi l-kejk tat-tieġ magħmul mit-tlett kejkijiet (tnejn tal-lewż u ieħor tal-*limoncello*) għall-prezz ta' € 450.

*Dwar l-oysters*

42. L-intimata qalet fl-*affidavit* tagħha illi r-rikorrent kien żamm il-flus tal-*oysters* minkejja li dawn kienu ġew ikkanċellati minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19. Il-Qorti tifhem illi l-argument tal-intimata huwa illi l-prezz ta' dawn l-*oysters* li oriġinalment kienu ta' € 120 skond waħda mill-*quotations* tar-rikorrent, inżammu bħala parti mill-kont finali tar-rikorrent u ma tnaqqsux. Madanakollu jirriżulta illi dan l-ammont ma ġiex fatturat mir-rikorrent fil-fattura numru 353 esebita mar-rikors promotur u għalhekk l-intimati m'għandhomx raġun fuq dan il-punt[52]. Għalhekk ma kien hemm l-ebda ftehim li r-rikorrent iservi *oysters* fit-tieġ u m'hux il-każ li dan żamm tagħhom.

*Dwar l-istaff u l-overtime*

43. Mill-*emails* datati 17 ta' Settembru 2020[53] jirriżulta qbil bejn il-partijiet dwar l-*istaff* segwenti li kellu jinġieb mir-rikorrent:

- *Headwaiter* wieħed (għall-prezz ta' € 85 għal sitt siegħat u € 15 għal kull siegħa *overtime*)
- Tlett (3) *chefs* (għall-prezz ta' € 80 kull wieħed għal tmien siegħat u € 15 għal kull siegħa *overtime*)
- Żewġ (2) *assistant chefs* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal tmien siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Erbgħa (4) *barmen* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)

---

[51] Fol 241
[52] *ibid*
[53] *Inter alia* fol 107

- Żewġ (2) *runners* għat-tazzi (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Għoxrin (20) *waiter* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Tlett (3) *waiters* għal *Saturday set up* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Tlett (3) *cleaners* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)

44. Jidher illi dakinhar stess tas-17 ta' Settembru 2020 aktar tard l-intimata talbet kjarifika dwar it-tlett *waiters* li r-rikorrent qal li kien hemm bżonn għal *Saturday set-up* liema *waiters* kienu intiżi sabiex jidħlu jagħmlu xogħol ta' *polishing* tat-tazzi. Eventwalment, għalkemm din ma tirriżultax mill-korrispondenza iżda tirriżulta mill-assjem tax-xhieda, l-intimata talbet li dawn it-tlett *waiters* ma jinġiebux lejliet ir-riċeviment. Filfatt ir-rikorrent ma talabx flus tagħhom fil-kont finali tiegħu anness mar-rikors promotur.

45. Mill-bqija f'dan il-kont ir-rikorrent talab il-ħlas għas-servizzi mogħtija mill-*istaff* kollu li l-partijiet ftehmu fuqhom inkluż iż-żewġ *runners* u t-tlett *cleaners* li skond l-intimata ma kienux qablu fuqhom. Skond din, ir-*runners* ma kienux meħtieġa għaliex kien hemm biżżejjed *waiters* u lanqas ma kienu meħtieġa l-*cleaners* għaliex kienet hija stess li qabbdet lil min inaddaf. Madanakollu l-Qorti tqis li m'għandiex raġun fuq dan il-punt għaliex il-partijiet kienu qablu fuqhom fl-*emails* li għaddew bejniethom tlett ijiem qabel it-tieġ. Inoltre mix-xhieda prodotta jirriżulta illi dawk li jissejjħu *cleaners* ma kienux dawk li jieħdu ħsieb l-indafa tal-post (li filfatt kienu ingaġġati separatament mill-intimati) iżda dawk li jieħdu ħsieb l-ħasil u l-indafa fil-kċina.

46. Dwar l-*overtime* għalkemm kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar ir-rati applikabbli għall-*overtime* ma jidhirx illi dawn ftehmu fuq xi ammont ta' siegħat minn qabel oltre mil-ħames siegħat tat-tieġ li kien previst bejn is-1pm u s-6pm u siegħa żejda sakemm jitilqu l-mistednin. Biss huwa ċar illi kien hemm qbil dwar il-kunċett li jkun hemm *overtime* u li allura l-*istaff* jaħdem oltre s-sitt siegħat "normali" (fil-każ tac-*chefs* u l-*assistant chefs*, tmien siegħat). Dwar kemm effettivament ħadmu siegħat *overtime* l-*istaff* hija xi ħaġa li sejra tiġi kkunsidrata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

*Dwar is-silġ*

47. Il-partijiet ftehmu illi s-silġ jiġi provdut mir-rikorrent versu l-prezz ta' € 5-il borża. L-*emails* tas-17 ta' Settembru 2020 juru li bħala kwantitajiet kien hemm il-ħtieġa ta'

ħmistax (15)-il borża ta' *ice-cubes* u għaxar (10) boroż ta' *ice-flakes.* Jidher illi matul it-tieġ inqalgħet il-ħtieġa ta' aktar silġ. Skond l-intimat, ftit tal-ħin wara l-wasla tal-intimati fis-sala kien mar fuqhom il-*bestman* Mark Atkins biex jinformahom li skond ir-rikorrent is-silġ kien spiċċa u li kellhom bżonn iżjed. Għalkemm stqarr li l-intimati kienu maħsuda (għaliex naturalment kien mingħalihom li kienu ordnaw biżżejjed) u implika ukoll illi l-bżonn tas-silġ inqala minħabba li dak li kien ġie ordnat ma kienx ġie maħżun sew (ċioe inżamm mingħajr fiskaturi f'boroż mal-art), jirriżulta illi l-intimati kienu taw il-kunsens tagħhom sabiex jinxtara iżjed silġ matul it-tieġ.

48. Mill-fattura annessa mar-rikors promotur jidher illi r-rikorrent żamm għal ħamsa u tletin (35)-il borża ta' *ice-cubes* u sittax (16)-il borża ta' *ice-flakes,* bil-prezz miftiehem ta' ħames euro kull borża. Jirriżulta ukoll illi r-rikorrent xtara dan l-ammont ta' silġ bl-istess prezz mingħand terzi persuni[54].

*Dwar il-VAT*

49. Minkejja li sa' mill-bidu nett il-*quotations* mibgħuta mir-rikorrent lill-intimati kienu jindikaw li l-prezzijiet kienu eskluż it-taxxa fuq il-valur miżjud u minkejja li fl-*emails* finali tas-17 ta' Settembru 2020 jirriżulta ċar illi l-prezzijiet kienu jeskudu l-VAT, għal xi raġuni jew oħra l-intimata allegat fl-*affidavit* tagħha illi ma tistax tifhem minn fejn ir-rikorrent *"ivvinta l-VAT"*. Skond hi, dik kienet serqa oħra fil-wiċċ għaliex ir-rikorrent kien qalilha sabiex tinjora l-*email* tas-17 ta' Settembru 2020 bl-implikazzjoni allura li l-partijiet ftehmu li ma jitħallasx VAT.

50. Apparti li l-provi dokumentarji juru bil-kontra (fis-sens illi kull meta ġew kwotati prezzijiet dawn dejjem kienu mmarkati bħala li jeskludu l-VAT), li kieku verament il-partijiet ftehmu bejniethom minn taħt li r-rikorrent ma jżommx VAT, ftehim bħal dan ikun wieħed ibbażat fuq *causa illecita* u żgur mhux ser tkun din il-Qorti – kwalunkwe Qorti fil-verità - li taġevola l-partijiet f'dan ir-rigward. Il-Qorti ssibha diffiċli però li temmen li seta' kien hemm xi ftehim ta' dan it-tip meta l-intimati stess ilmentaw illi huma ma setgħux jibbenefikaw mill-*marriage grant* ta' elf euro wara t-tieġ tagħhom billi ma kienux ingħataw riċevuta fiskali mir-rikorrent għad-depożitu li kienu għamlu! Ir-rikorrent jiġġustifika dan in-nuqqas billi jgħid illi huwa joħroġ riċevuta fiskali malli jitħallas l-bilanċ dovut, posizzjoni li inċidentalment hija skorretta mill-punto di vista legali ai termini tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu hu x'inhu l-każ huwa ovvju illi r-rikorrent għandu l-obbligu lejn il-

[54] Ara riċevuta fiskali a fol 290

Kummissarju tat-Taxxi li jżomm il-VAT fuq is-servizzi mogħtija minnu mentri l-intimati huma obbligati lejn ir-rikorrent li jħallsu l-VAT fuq il-prezz miftiehem.

51. Kien ikun mod ieħor li kieku ġie ippruvat illi l-prezzijiet kwotati mir-rikorrent ma kienu qatt jinkludu l-element tal-VAT għaliex f'dak il-każ japplika l-Art. 49(2) tal-Kap. 406 li jipprovdi illi tali prezz ikun jitqies li **jinkludi** l-VAT.[55]

52. Ftit li xejn għandha dubju l-Qorti għalhekk illi l-partijiet ftehmu ukoll li l-prezzijiet miftehma kienu jeskludu t-taxxa fuq il-valur miżjud.

*Konklużjoni dwar xi ftehmu l-partijiet*

53. Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi l-prezz totali tas-servizzi tar-rikorrent li kieku dawn ġew eżegwiti fit-totalita' tagħhom u skond is-sengħa u l-arti kien dak indikat fil-fattura annessa mar-rikors promotur, ossia' € 15,667.45 inkluż il-VAT.

**Kunsiderazzjoni: jekk ir-rikorrent kienx inadempjenti**

54. L-eżerċizzju li jmissha tagħmel il-Qorti issa huwa li tikkunsidra jekk fl-eżekuzzjoni tal-appalt ir-rikorrent kienx inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tiegħu liema inadempjenza tista' tkun kemm fir-rigward tal-kwalità tal-ikel mogħti u tas-servizzi mogħtija u kemm fir-rigward ta' xogħol/ħin li seta' ma ngħatax (inkluż ikel li ma ħariġx).

*Dwar min kellu jagħmel it-tisjir u jipprovdi l-ikel inkluż il-kejk*

55. Fl-*affidavit* tiegħu r-rikorrent stqarr illi huwa *chef* professjonali u li ilu f'din il-linja ta' xogħol għal dawn l-aħħar għoxrin sena fejn kien *head chef* f'numru ta' lukandi ta' reputazzjoni għolja u serva nies distinti. Qal ukoll illi bħala parti mix-xogħol tal-*catering* huwa jagħmel ukoll tiġijiet u li l-intimat, li huwa ukoll *chef*, kien jafu peress illi għamlu xi tlett snin u nofs jaħdmu flimkien inkluż tiġijiet u kompetizzjonijiet barra minn Malta. L-intimata min-naħa tagħha qalet illi hi u l-intimat kienu ġabu *quotes* irħas minn kumpaniji oħra iżda xorta ingaġġaw lir-rikorrent għaliex dan kien wegħidhom li jagħmilhom tieġ ta' barra minn hawn. L-intimat mar oltre u qal illi huwa dejjem kien qies lir-rikorrent bħala bniedem professjonali u perfezzjonist b'standard ta' tiġijiet għoli. Qal illi kien jaf ukoll illi r-rikorrent kien jieħu ħsieb li jagħmel l-ikel

[55] Art. 49(2) tal-Kap. 406: **"Fejn l-ammont ta' taxxa li għandu jitħallas taħt dan l-Att ma jkunx identifikat fi ħlas għal provvista taxxabbli jew fi prezz imħallas, ħlief għal f'fattura jew dokument li jservi bħala fattura maħruġa minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli oħra, għal provvista taxxabbli, dak il-ħlas jew prezz għandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa"**

kollu hu minbarra l-ħelu li kien jordnah minn ċertu Ronnie li kien jaħdem magħhom ġewwa lukanda.

56. L-intimati xehdu illi mill-kaxex li ġie ippakkjati fihom l-ikel li baqa' żejjed wara t-tieġ indunaw illi numru ta' affarijiet bħal *mozzarella sticks* u ikel ieħor mill-*menu* in kwistjoni kienu qegħdin ġewwa kaxex u pakketti tal-*Maypole, Croce Bonaci* u *Miracle Foods*. Allegaw għalhekk illi l-*finger food* mill-*menu* magħżul lilhom kien mixtri lest minflok ma ġie imsajjar mir-rikorrent kif suppost kellu jsir. Qalu ukoll illi l-kejk irriżulta li ġie mixtri mingħand il-*Maypole*. Għalhekk skond huma r-rikorrent daħak bihom billi li kieku riedu ikel mingħand il-*Maypole* u mingħand *Croce Bonaci* jew *Miracle Foods* setgħu jixtru l-ikel direttament mingħandhom u mhux iqabbdu *chef* privat

57. Min-naħa tiegħu r-rikorrent spjega illi huwa jordna l-ħelu tiegħu mingħand il-*Maypole* peress illi ma jaħdimx il-ħelu. Qal li din hija xi ħaġa normali li *caterer* jagħmel hekk u filfatt l-intimati kienu jafu li mhux ser jagħmel il-kejk hu. L-intenzjoni kienet li dan il-kejk jagħmlu ċertu Ronnie, persuna li kien jaħdem miegħu u li għal xi żmien kien jaħdem ukoll fl-istess lukanda miegħu u mal-intimat. Madanakollu skond ir-rikorrent xi tlett ġimgħat qabel it-tieġ dan Ronnie kien infurmah li ser jitlaq mix-xogħol sabiex jftaħ għal rasu u li għalhekk ma setax jaħdimlu l-kejk hu. Ir-rikorrent jgħid li nfurma b'dan lill-intimat, li min-naħa tiegħu ma ċaħadx li dan seħħ.

58. Ir-rikorrent qal li huwa xtara l-ħelu mingħand il-*Maypole* inkluż il-*french pastries* u l-kejk. Però innega għal kollox li huwa xtara xi ikel lest mingħand Croce Bonaci kif allegat mill-intimati.

59. Mill-assjem tal-provi ħareġ illi r-rikorrent ma ppruvax jaħbi li ċertu *finger food* ġew ordnati mingħand *suppliers* oħra fosthom pereżempju t-*tartlets* (li ġew ordnati flok il-*barquettes* fuq xelta espressa tal-inimati). Ir-riċevuti esebiti minnu a fol 269-291 huma xhieda ta' dan. B'daqshekk il-Qorti ma tqisx li r-rikorrent mar kontra dak miftiehem. L-istess riċevuti juru illi l-materja prima tal-ikel li serva jew sajjar ir-rikorrent xtrah mingħand numru ta' *suppliers* differenti liema ikel ġie użat mir-rikorrent fit-tisjir tiegħu. Il-fatt waħdu li ċertu *finger food* inxtara mingħand *suppliers* oħra minflok ma saru kollha kemm huma mir-rikorrent ma jfissirx li dan mar kontra l-ftehim.

60. Fir-rigward tat-tisjir ir-rikorrent xehed illi l-preparazzjoni tal-ikel bdiet mill-lejl ta' qabel it-tieġ u li t-tisjr innifsu sar fuq il-post. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhud

Edward D'Alessandro li qal li t-tisjir kien qed isir dakinhar tar-riċeviment fil-kċina fejn huwa ra xi erbgħa, ħames *chefs* jew aktar li kienu qegħdin jsajru.

61. Il-Qorti għalhekk ma tirriskontra l-ebda inadempjenza fil-fatt illi r-rikorrent xtara l-kejkijiet tat-tieġ (jew aħjar il-*cake slabs*) mingħand il-*Maypole* u li xtara xi *finger food* mingħand *suppliers* oħra.

*Dwar il-kwalità tal-ikel u l-kejk*

62. Mill-assjem tal-provi ma jidhirx li kien hemm xi tgergir dwar il-kwalità ossia t-togħma u l-preżentazzjoni tal-*finger food* offrut bħala parti mill-*menu*. Mhux l-istess jista' jingħad però għall-ikel tal-mejda Indjana. F'dan ir-rigward l-intimati u x-xhieda numerużi tagħhom lkoll iddikjaraw li mhux biss dan l-ikel ma kienx tajjeb iżda inoltre ġie ippreżentat b'mod fqir għall-aħħar. Skont dawn ix-xhieda l-ikel Indjan li kien jikkonsisti f'ross, *pita bread,* ħaxix u *curry* ġie servut fi platti tal-kartun f'forma ta' dgħajsa bħal dawk li fihom jisserva *c-chips* u bi frieket tal-plastik li bdew idubu fl-ikel. Inoltre r-ross u l-ħaxix kien iebes u ma kienx jittiekel. Issa skond l-intimati l-ftehim kien mhux biss illi l-ikel tal-*Indian Table* jiġi servut minn żewġ *assistant chefs* fuq żewġ *stands* waqt li jagħmlu *live cooking* iżda inoltre li dan l-ikel jiġi servut f'kontenituri tal-*bamboo.*

63. Kif ġa ngħad għalkemm ma tressqet l-ebda prova mill-partijiet dwar it-tip u l-kwantità ta' ikel Indjan li kellu jiġi servut, madanakollu l-Qorti qieset bħala indikattiv il-fatt illi r-rikorrent bl-ebda stadju ma ċaħad li tabilħaqq kien ftiehem mal-intimati li jipprovdilhom żewġ *stands* b'żewġ *chefs* jsajru ikel Indjan bħala *main course.*

64. Dwar li l-ikel Indjan kellu jiġi servut f'kontenituri tal-*bamboo* l-Qorti sejra tikkunsidra dan il-punt iktar 'l quddiem fis-sentenza flimkien mal-allegazzjoni tal-intimati li l-ebda ikel ma kellu jiġi servut fi platti *disposable.*

65. Fir-rigward tal-kwalità tal-ikel, ir-rikorrent u x-xhieda tiegħu lkoll qablu li ma kien hemm l-ebda tgergir f'dan ir-rigward. Filfatt skond ir-rikorrent waqt ir-riċeviment l-intimat kien daħal darbtejn ħdejh jgħidlu kemm kien kuntent bix-xogħol u kien daħal ukoll ħdejh t-tifel tal-intimata, li nzerta ukoll *chef,* u qallu kemm kien kuntent bix-xogħol. L-istess għamlet l-intimata meta daħlet fil-kċina mal-kuġina tar-rikorrent li kienet waħda mill-mistednin. Hekk ukoll xehed Elton Kola li ddeskriva l-ikel bħala *"very very nice*" u li qal li kienu rċevew *"great feedback from the guests at the time"*. L-istess qal Godwin Micallef fis-sens li skond hu ma kien sema' bl-ebda tgergir dwar it-togħma jew kwalità tal-ikel.

66. Il-Qorti fliet sew ix-xhieda mogħtija u partikularment ir-ritratt esebit. Tqis illi għalkemm m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat f'dik li kienet il-kwalità tal-*finger food* u l-ikel tal-*menu,* madanakollu għandha tagħti widen lin-numru kbir ta' mistednin illi lok qablu li l-ikel Indjan mhux biss ma kienx preżentabbli u appetituż iżda inoltre ma ġiex servut kif kellu jiġi servut. Ikkunsidrat ukoll il-Qorti illi r-rikorrent naqas milli jippreżenta ritratti ta' kif ħareġ dan l-ikel kuntrarjament għal dak li għamel fir-rigward ta' numru ta' *items* li ħarġu bħala parti mill-*wedding menù*, xi ħaġa li setgħet tgħinu biex ixejjen l-allegazzjonijiet tal-intimati u partikularment ir-ritratt esebit a fol 125. Għalhekk fejn jidħol l-ikel Indjan il-Qorti tqis li r-rikorrent kien inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tiegħu.

67. Fir-rigward tal-kejk tat-tieġ, apparti l-allegazzjonijiet l-oħra li ġew trattati iktar 'l fuq f'din is-sentenza (i.e. dwar il-fatt li skond l-intimati r-rikorrent żamm ukoll għal żewġ *cakes* oħra li kienu ġew ikkanċellati minnhom u dwar il-fatt li dan inxtara mingħand il-*Maypole*) l-intimata qalet illi minkejja li huma ordnaw wieħed tal-lewż pur u *limoncello*, dawn kienu magħmulha bl-essenza tal-vanilla u bil-lumi. Ir-rikorrent ċaħad dan u qal illi huwa ordna kejkijiet tal-*limoncello* u tal-*almonds.* Issa għalkemm mill-atti ma jirriżulta xejn dwar ix-xiri tal-kejk tal-*limoncello* l-intimati mhumiex jgħidu li dan ma nġieb xejn iżda li nġieb wieħed tal-lumi minflok. F'dan ir-rigward il-Qorti ftit li xejn tirriskontra xi differenza qawwija bejn kejk tal-*limoncello* u wieħed tal-lumi partikularment jekk dan tal-aħħar kellu x-xorb miżjud miegħu. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx li r-rikorrent kien inadempjenti f'dan ir-rigward.

*Dwar il-kwalità tas-servizz mogħti*

68. L-intimati u x-xhieda tagħhom maqdru s-servizz mogħti mir-rikorrent partikularment il-mod kif ħadmu l-*waiters* u l-mod kif ġie servut l-ikel tant illi t-tieġ ġie deskritt bħala diżastru. L-ilmenti li saru jinkludu s-segwenti:

- *Servizz bil-mod:*
    i. Skont l-intimat, kif waslu u bdew iduru man-nies innutaw li l-ikel ftit li xejn kien qed joħroġ. Qal li kif saru t-3pm innutaw li l-ikel li kien ħiereġ kien biss *vol-au-vents u* pastizzi. Inoltre l-imwejjed ma kienux qegħdin jintmessu, xejn ma kien qed jinġabar u l-imbarazz beda jirkeb l-imwejjed. Qal li hekk kif beda jgħaddi l-ħin, l-ikel baqa' wieqaf u f'ħin minnhom waqaf anki x-xorb tant illi ħafna mill-mistednin bdew igergru.

ii. Min-naħa tax-xhieda tar-rikorrent, partikularment Elton Kola u Godwin Micallef, il-problemi li kien hemm kien dwar in-nuqqas ta' *drinks*. Skond dan tal-aħħar kien il-*bestman* li kien jaħti għal dan billi beda jħalli ammont minimu ta' xorb fil-*bar.* L-istess xhud qal li l-ikel beda ħiereġ kollu mingħajr problemi. Skond Elton Kola: "*the day as I said it was a bit tough. It was, quite a decent number of guests as well. It was hot as I said and I believe at a certain point it was, it was getting slightly more difficult... The people were feeling the heat. Some people they were in the sun and they were complaining of course. And all this caused a bit of again stress and panic from our side... there was a lot of food, a lot of items so of course it takes it`s own time and everything is predicted. There weren`t any surprises regarding it and everything was flowing well I believe."* Fir-rigward tal-battibekk li kellu mal-intimat stqarr illi dan kien *"pissed off"* dwar xi dewmien li seta' kien hemm biex jisserva l-ikel u x-xorb, pero' dawn kienu affarijiet normali li setgħu faċilment jitranġaw li kieku l-intimat ma qabadx u keċċieh minn fuq il-post. Ix-xhud Edward D'Alessandro xehed illi milli jiftakar hu l-intimat kien daħal jilmenta fil-kċina għaliex ma kienux qegħdin iservu d-*drinks* b'ritmu tajjeb, xi ħaġa li wasslitu sabiex ikeċċi lil *headwaiter*. Qal ukoll illi t-tieġ kien wieħed *busy* ħafna u li kien hemm diversi *staff* jiġru 'l hemm u 'l hawn biex jaqdu l-mistednin.

- *Nuqqas ta' professjonalità jew kapaċità tal-waiters:*

i. Skont l-intimat, innota li kull *waiter* kien qed jieħu ħsieb żewġ imwejjed (16-il ruħ) u li kien hemm *waiters* li qegħdin jaħdmu ukoll bħala *runners*. Il-*waiters* ma kellhomx *chit-book* fejn jistgħu jiktbu l-ordnijiet u bdew saħansitra jissellfu l-pinna ta' xulxin sabiex jiktbu l-ordnijiet fuq in-*napkins.* Inoltre f'ħin minnhom sema personalment lil *waiter* jgħid lil mistieden li kien preżenti li ma kienx hemm *passoa drink* meta filfatt kien hemm u f'każ ieħor, l-intimata talbet tazza ilma u ngħatat tazza Sprite. Qal ukoll l-intimat illi l-*waiters* ma kienux kapaċi jikkommunikaw mal-mistednin għaliex kienu barranin u ma kienux jafu jitkellmu bl-Ingliż. Spjega illi mnalla kienu l-*bestmen* Kyle u Mark Atkins li bdew jiġru min-naħa għal oħra sabiex jippruvaw jagħmlu xogħol il-*waiters.*

ii. L-intimata u xhieda oħra qalu illi tant ma kienx hemm organizzazzjoni tajba, li l-infermiera li ġie impjegata mill-intimati

stess (meħtieġa peress illi t-tieġ sar fi żmien il-Covid-19) u li kellha tkun mal-bieb spiċċat fil-kċina tagħti daqqa t'id u tiżbarazza l-ewwel platt li kien baqa' fuq l-imwejjed.

iii. Il-*bestman* Mark Atkins stqarr illi li kieku l-koppja ma qabditx xi ħbieb u familjari tagħhom jidħlu jagħtu daqqa t'id fil-kċina, l-ikel Indjan qatt ma kien jasal fuq l-imwejjed kollha.

iv. Il-*bestman* l-ieħor Kyle Micallef xehed li minkejja l-intimati kienu miftehmin mar-rikorrent illi fit-3.30pm joħroġ l-ikel Indjan (i.e. il-*Main Course*), dan baqa' ma ġiex servut sa xi 4.30 pm meta l-intimata bagħtitlu 'l ġewwa fil-kċina sabiex jitlob lir-rikorrent joħroġ dan l-ikel.

v. Skont l-intimat ukoll, meta beda jara d-dewmien kollu fil-ħruġ tal-kċina, daħal personalment fil-kċina biex ikellem lir-rikorrent u hemmhekk sab ħmieġ kbir u diżordni totali fejn il-*waiters* kienu qegħdin jieklu u jilgħabu bil-*mobile* waqt li jitkellmu bejniethom. Meta kien hemm, l-*headwaiter* qallu f'wiċċu li t-tieġ kien kaos totali tant illi bla kliem ta' xejn qabad u telaq 'l hemm. Madanakollu x-xhieda l-oħra kollha, inkluż l-istess intimat meta xehed in kontroeżami, lkoll qablu illi kien hemm battibekk jaħraq bejn l-intimat u l-*headwaiter* u li kien l-intimat li keċċih. F'dan l-istadju, Godwin Micallef li huwa d-direttur tal-kumpanija li kienet timpjega l-*waiters* (u li mingħandha r-rikorrent kien kera s-servizz tal-*istaff* kollu għajr għall-*headwaiter*) daħal hu personalment sabiex jaqdi r-rwol ta' *headwaiter.* Skond Mark Atkins, f'dan il-punt ukoll, iċ-ċavetta tal-i*store* spiċċat għandu u kellu jieħu over sabiex joħroġ id-*drinks* u jidderieġi l-*waiters* minflok l-istess *headwaiter.*

vi. F'dak li għandu x'jaqsam id-diżordni li kien hemm fil-kċina, ċertu Amanda Sciberras (kuġint ir-rikorrent) xehdet illi meta daħlet fil-kċina kienet sabet ma wiċċha xena tal-biża billi ħadd mic-*chefs* ma kien liebes l-ingwanti u l-ilbies tagħhom kien imdennes u maħmuġ. Rat ukoll ħafna ikel mhux imsajjar fuq il-mejda li kien mikxuf u li kien qed idur għalih id-dubbien.

vii. Il-*bestman* Kyle Micallef stqarr ukoll illi l-*waiters* ma kinux preżentabbli b'qomos imkemmxa u żraben maħmuġin u li saħansitra

waħda minnhom ġiet liebsa t-shirt minflok l-uniformi li kellhom l-oħrajn.

viii. Fir-rigward tad-*dietary requirements* ta' xi uħud mill-mistednin, l-intimata sostniet illi hija personalment kienet baqgħet b'xejn u li r-rikorrent ma kienx għamilha platt ikel *lactose free.* Qalet ukoll li kien beda jaqbad l-affarijiet b'idu u għalhekk għal min kien *celiac* dan seta jkollu riperskussjonijiet gravi. Il-*bestman* Mark Atkins stqarr kif bħala parti mill-organizzazzjoni tat-tieġ kien hemm *seating floor plan* sabiex wieħed ikun jista' faċilment jagħraf ir-rekwiżiti tad-dieta ta' kull persuna u l-allergiji illi huma setgħu kienu jbatu minnhom. Madanakollu skond l-istess Atkins, minkejja li t-tifla tiegħu hija *celiac* din ingħatat xi *items* tal-ikel li r-rikorrent innifsu ma kienx jaf jekk kienux *gluten-free* jew le. Minkejja ukoll illi din il-kundizzjoni titlob illi l-ikel li ma jkunx *gluten free* jinżamm separat u 'l bogħod mill-ikel li jkun ser jisserva lill-persuna *celiac,* x'ħin daħal fil-kċina ra lir-rikorrent jinjora dan ir-riskju ta' *cross-contamination* kompletament billi beda jmiss ikel bħal *voul-au-vents* u ħobż u fl-istess ħin jaqbad b'idu ingredjenti biex jipprepara platti li suppost kienu *gluten-free.*

Fuq in-naħa tar-rikorrent, dak li għal ftit ħin okkupa r-rwol ta' *headwaiter* ossia Elton Kola ċaħad illi kien hemm xi nuqqasijiet f'dan ir-rigward. Filfatt qal illi d-*dietary requirements* were "*handled properly. The chef had the table number. The food was plated specifically for these people, and we served the food."* Mistoqsi jekk l-ikel li kien *gluten free* kienx ġie servut mal-ikel l-ieħor, dan wieġeb*: "No of course, they were separate. You can`t serve them together."*

ix. Fir-rigward tal-esiġenzi tal-Covid-19, l-intimata xehdet illi l-*items* tal-bidu tqassmu fin-nofs tal-imwejjed meta dawn kellhom jiġu servuti separatament. Inoltre l-*waiters* kienu qed jiġru bit-*trays* tal-ikel f'idejhom. Skond Beverly Micallef, kien biss l-ikel Indjan li ġie fi platt għalih fejn kulħadd kellu platt separat bl-ikel.

Elton Kola xehed madanakollu illi kollox mexa tajjeb fir-rigward tar-restrizzjonijiet tal-Covid-19 inkluż is-*social distancing* ta' żewġ metri li kellu jiġi rispettat bejn l-imwejjed.

69. Mill-assjem tal-provi ħareġ illi fejn tidħol il-kwalità tas-servizz mogħti, ix-xhieda tar-rikorrent xehdu mod filwaqt li dawk tal-intimati xehdu kważi b'mod oppost. Saħansitra kien hemm xhud partikolari, ċertu Amanda Sciberras li ironikament tiġi kuġint ir-rikorrent, li ntużat mill-kontendenti sabiex jixħdu favur l-argument rispettiv tagħhom! Filfatt, filwaqt li fl-*affidavit* din xehdet illi kellha tmur personalment fil-kċina sabiex tħeġġu biex joħroġ l-ikel tal-mejda Indjana fejn imbagħad sabet *"diżastru"* u ħafna ħmieġ, l-istess rikorrent stqarr fl-*affidavit* tiegħu illi l-istess Sciberras kienet daħlet fil-kċina sabiex tifraħlu fuq ix-xogħol li kien qed jagħmel!

70. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini</u>** (Avviż tat-Talba numru: 356/2016 KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 31/10/2019) it-Tribunal elenka b'mod mirqum sitwazzjoni, pjuttost komuni, fejn l-ġrajja proċesswali tippreżenta żewġ estremi bħal dawk in diżamina, f'liema każ il-kompitu ta' min huwa msejjaħ jiddeċiedi jsir ferm aktar diffiċli u ardwu:

"F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata). Izda jigi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi ghar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verzjonijiet dijametrikament opposti wahda ghall-ohra (hekk kif inhu l-kaz *de quo*). F'tali sitwazzjonijiet, certu normi tal-Ligi u numru ta' principji guridici jissokkorru lil gudikant sabiex jaghtuh kejl ta' mizurazzjoni ai finijiet ta' decizjoni.

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n- norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini bhal "quod non est in actis non est in mundo", "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".

Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*"

Issa, il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq l-attur li hu dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhux mistenni li jipprova l-kaz tieghu lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja. Tali *standard* jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jaghtu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **LORD DENNING J**., fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*." Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **LORD HOFFMAN J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan:

"*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened*."

Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company."*

71. Lura għall-każ odjern, fid-dawl ta' dak premess, kien kompitu tar-rikorrent li jipprova li jressaq provi adegwati biex jinnewtralizza l-allegazzjonijiet diversi imressqa mill-intimati u mix-xhieda tagħhom. Għalkemm numru ta' xhieda tiegħu xehdu favur l-argument tiegħu li t-tieġ mexa ħarir u li huwa ta s-servizzi tiegħu kif suppost, madanakollu r-rikorrent stess ammetta f'ħin minnhom illi *"xi uħud mill-mistednin, familjari ta' Catherine bdew jidħlu fil-kċina biex jaraw jekk kellniex bżonn xi daqqa t'id pero din ma nafx minn fejn kienet ġejja għaliex aħna tajjeb bqajna mexjin"*[56] Il-Qorti tqis dan il-kumment bħala wieħed indikattiv ferm billi mill-punto di vista tar-rikorrent ftit jagħmel sens f'ambitu fejn suppost kollox kien miexi sew. Lanqas ma ta spjegazzjoni r-rikorrent għal xi ħaġa li fuqha xehdu anke x-xhieda tiegħu Godwin Micallef u Edward D'Alessandro, ossia' dik illi l-infermiera ingaġġata mill-intimati kienet spiċċat tgħin fl-iżbarazzar tal-platti. Inoltre ma ċaħadx dak li qal Joseph Schembri, xhud tal-intimati, li skond hu tqabbad mill-intimata sabiex isalvalha t-tieġ billi jmur jgħin fil-kċina u jidderieġi x-xogħol tal-*waiters*.

72. Iżjed minn kollox, il-Qorti tħoss illi n-nuqqas tar-rikorrent illi jagħmel il-kontroeżami tad-diversi xhieda mressqa mill-intimati (apparti l-intimati nfushom) huwa minnu nnifsu indikattiv ħafna. Fir-rigward tal-għodda tal-kontroeżami intqal is-segwenti fis-

---

[56] Fol 26 – par 23

sentenza parzjali fl-ismijiet **<u>Martin Chetcuti pro et noe v. Joseph Grech</u>** (Avviż Nru. 827/2012 VG, deċiż 08/01/2014):

> "il-process tal-kontro-eżami huwa li, *"a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible[57] ".*
>
> L-awtur G. D. Nokes[58] jghid li *"Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness […] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence […] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation."*
>
> L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn Ian Dennis[59] f'dawn it-termini: *"The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake."*
>
> Issa, abbinat ma dan, insibu ritenut li, *"**<u>Failure to cross-examine a witness</u>** who has given relevant evidence for the other side **<u>is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief</u>**. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to crossexamine […] Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case[60] ".*
>
> L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, *"failure to crossexamine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.][61] ."*

---

[57] **Peter Murphy**, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509;
[58] An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;
[59] Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;
[60] **Peter Murphy**, op. cit., p.511;
[61] **G. D. Nokes**, op. cit., p.407;

> Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli mutatis mutandis ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi lKodici Procedurali taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.[62]
>
> …
>
> di natura l-kontro-ezami "***<u>is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth</u>***[63]"."

73. Issa huwa minnu illi fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023 ġie verbalizzat is-segwenti min-naħa tal-abbli avukat difensur tar-rikorrent:

> *"Dr Grech qiegħed jiddikjara illi huwa ma huwiex ser jagħmel kontro-eżami ta' Mark Atkins, Kyle Micallef, Kimberly Joan, Jurgen Diacono, Joseph Schembri, Doreen Sultana, Catherine Micallef, Beverly Micallef, James Vella, u Amanda Sciberras mhux għaliex qiegħed jaqbel mal-kontenut tagħhom iżda għaliex fil-fehma tiegħu x-xhieda mogħtija minnhom fl-affidavits tagħhom tikkonsisti fil-detto del detto u ma hijiex strettament relevanti għal din il-kawża"*

Madanakollu l-Qorti tqis illi m'huwiex il-każ illi x-xhieda tal-persuni msemmija tikkonsisti fil-*detto del detto* (għajr għal xi partijiet minuri li mhux bilfors huma ta' rilevanza). Anzi ħafna minnhom xehdu (bl-*affidavit*) dwar dak li raw u esperjenzaw personalment matul it-tieġ tal-intimat. Għalhekk qed jiġi kkunsidrat mill-Qorti illi r-rikorrent naqas meta għażel illi ma jagħmilx il-kontroeżami tax-xhieda imsemmija fejn seta' faċilment tellgħahom fuq il-pedana tax-xhieda sabiex mhux biss ixejjen l-allegazzjonijiet tagħhom iżda inoltre joffri opportunità lill-Qorti stess li tifli l-komportament tagħhom u twieżen il-kredibilità tat-testimonjanza tagħhom.

---

[62] Fil-fatt fil-monografija "*Storia della Legislazione in Malta*", l-gurista eminenti Malti Paolo De Bono (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi limsemmi awtur, f'footnote ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, inter alia, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*". (pp.322–323)

[63] **Larry S. Pozner, Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3.

74. Il-Qorti tqis ukoll indikattiv il-fatt illi minkejja li r-rikorrent xehed illi preżenti għar-riċeviment kien hemm "ħafna" *chefs* ħbieb tiegħu u tal-intimat, huwa naqas milli jipproduċi mqar wieħed jew waħda minnhom sabiex jixhdu favur l-argumenti tiegħu u kontra l-allegazzjonijiet tal-intimati.

75. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi l-Qorti jidhrilha illi r-rikorrent kien inadempjenti fl-eżekuzzjoni tiegħu tal-appalt fir-rigward tal-kwalita' tas-servizzi mogħtija.

76. Mill-banda l-oħra l-Qorti m'hija taħt l-ebda illużjoni illi dak kollu li xehdu fuqu l-intimati u x-xhieda tagħhom jirrifletti b'mod preċiż dak li seħħ matul il-ġurnata tat-tieġ. Fuq dan il-punt il-Qorti sejra iktar 'l quddiem f'din is-sentenza tissenjala xi diverġenzi jew inkonsistenzi li rriżultaw bejn dawn ix-xhieda.

77. Anke fir-rigward tat-tkeċċija tal-*headwaiter* il-Qorti tqis illi l-intimat kien ekonomiku bil-kliem meta fl-affidavit tiegħu qal li dan kien telaq minn fuq il-post, meta imbagħad irriżulta mill-bqija tax-xhieda (inkluż xhieda li ressaq hu stess) illi dan kien tkeċċa minnu b'mod ħesrem wara battibekk jaħraq li kien inqala' bejniethom. Fuq dan il-punt inċidentalment il-Qorti tħoss illi l-intimat żbalja meta mingħajr konsultazzjoni ta' xejn mar-rikorrent qabad u keċċa lil persuna li kienet qed taqdi rwol daqstant importanti. Dan jingħad partikularment meta skond l-intimat innifsu huwa ħass li kien hemm battibekk/nuqqas ta' qbil bejn il-*headwaiter* u r-rikorrent li kien qed iwassal għad-dewmien fil-ħruġ tal-ikel u x-xorb. Mill-banda l-oħra, r-rikorrent żbalja ukoll illi ma pprotestax bil-qawwa kontra din id-deċiżjoni iżda ppermetta li t-tieġ jitkompla mingħajr *headwaiter* bis-sostituzzjoni tiegħu ssir minn persuni li tal-inqas dakinhar ma kienux ġew ippreparati sabiex jaqdu dan id-dover.

78. Il-Qorti ma tqisx illi t-tieġ kien it-traġedja li ġie mpinġi mill-intimati partikularment meta tqis illi dan seħħ fi żmien xejn faċli bir-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Fl-istess ħin tagħraf li r-rikorrent naqas b'mod sinjifikanti fil-mod kif ta s-servizzi tiegħu.

*Dwar il-kwantità tal-ikel*

79. Diġà ġie stabbilit iżjed 'l fuq f'din is-sentenza illi l-ftehim bejn il-partijiet kien dak illi r-rikorrent jipprovdi l-Wedding Menu 1 bit-tibdiliet elenkati fid-dokument Dok SMZ3[64].

[64] Fol 265-266

80. L-intimati jgħidu illi mhux biss li kien hemm diversi *items* minn din il-lista li ma nħarġux iżda inoltre illi xi affarijiet li ħarġu ma kellhomx joħorġu bħal pereżempju l-pastizzi u l-pizza.

81. Fir-rigward tal-pastizzi, l-intimati saħqu illi huma kienu ftehmu mar-rikorrent li ma joħroġx pastizzi waqt it-tieġ. L-intimata tgħid illi huma għamluha ċara mar-rikorrent dwar din ix-xewqa tagħhom tant illi fil-*menu* in kwistjoni ma hemm l-ebda pastizzi. Il-Qorti però tara li l-*menu* in kwistjoni kien jinkludi *traditional pea and pancetta pastizzotti* u *traditional rikotta pastizzotti* kif ukoll *chicken pastizzotti* li skond r-rikorrent kienu fost l-*items* miżjuda mal-*menu*. Ir-rikorrent stqarr illi dawn il-pastizzi żgħar tat-tiġijiet inxtraw mingħand *Sphinx Pastizzeria* u mhux il-każ illi kienu dawk komuni, tal-*Maxims* jew Tas-Serkin kif allegat. Inoltre l-Qorti tqis bħala indikattiv dak li ngħad mill-intimat fl-*affidavit* tiegħu fis-sens illi xi ftit jiem qabel it-tieġ kien inħasad meta ċempillu r-rikorrent biex jinfurmah illi kien ġabarlu l-pastizzi. Għalkemm l-intimat jgħid li nħasad għaliex skond hu r-rikorrent kien jaf li huma riedux pastizzi, fl-istess ħin imkien ma ngħad illi dakinhar stess li "nħasad" huwa kien fakkru fil-ftehim ta' bejniethom jew li kien wissih biex ma joħroġ l-ebda pastizzi.

82. Fir-rigward tal-pizza, l-intimata ssostni li ġiet servuta pizza tal-friża li kienet ġie imsaħħna. Bħala prova ta' dan hija esebit ritratt a fol 125 tal-proċess, liema ritratt però fil-fehma tal-Qorti ma jurix pizza iżda jekk xejn xi *item* ieħor li għandu xebh mal-pizza.

83. Dwar il-bqija tal-ikel servut mill-*menu* magħżul, diversi kienu x-xhieda tal-intimati, flimkien mal-intimati nfushom, illi sostnew illi apparti li bdew joħorġu l-istess ikel partikularment fil-bidu, diversi *items* minn dawk ordnati baqgħu ma sarux jew ma ħarġux. Skond il-*bestman* Mark Atkins, minkejja li fil-fehma tiegħu kellhom jinħarġu xi ħamsin *item* differenti, huwa ra dejjem l-istess erbgħa jew ħames *items* iduru bħal *vol-au-vent* u pastizzi. Skond l-intimata l-*bestman* kien qiegħed iżomm rendikont tal-*items* li kienu qed joħorġu u filfatt skond hi s-segwenti *items* baqgħu ma nħarġux:

- *Vegetarian, Red Kidney Bean and Maltese gbejna bouchees*
- *Italian Salami Napoli and smashes tomato Chutney Crostini*
- *Crumbled Halloumi Cheese, Black Olive Tapenade and Tomato Petit Choux*
- *Truffled Chicken Roulade on spinach Cream hinted with nutmeg*
- *Herb scented begneit topped with Herb Cream, crispy pancetta and parmesan crumble*
- *Indian spiced pulled chicken and chickpea rotolini*
- *Vegoo couscous and rucola pesto rotolos with capsicum pepper jam*

- *Organic funghi and mixed spice pinwheels*
- *Italian pesto and mozzarella swirls*
- *Bacon, tomato and basil quichette*
- *Oriental vegetable parcels with a sweetened lemon and chilli dip*
- *Calamari crispelli with a zest lime mayo*
- *Crispelli di mozzarella with a pesto and yoghurt salsa*
- *Thai stir fried vegetable samozas enhanced with a honey and soy sauce*

84. Min-naħa tar-rikorrent, dan xehed li l-ikel ordnat kien tqassam u dak li tħalla żejjed kien ittieħed lura mill-intimati f'kaxex ippakkjati fuq struzzjonijiet tal-*bestman* Mark Atkins. Il-*headwaiter* Elton Kola xehed illi għalkemm kollox kien sejjer tajjeb mill-aspett tal-ikel u li filfatt kien qed ikollhom *"great feedback from the guests"*, f'xi ħin inqala battibekk jaħraq bejnu u bejn l-intimat fil-kċina minħabba xi ilmenti dwar li kien hemm ikel jew *drinks* li kienu qegħdin jiġu servuti tard. Skond ix-xhud, ilmenti ta' din in-natura huma normali u jistgħu jiġu solvuti dak il-ħin stess iżda ġara li l-intimat eskala l-argument u spiċċa biex ikeċċih minn fuq il-post.

85. Huwa magħruf illi fl-eżerċizzju ta' għarbiel tal-provi il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha r-regoli prevalenti f'dan ir-rigward fl-ordinament ġuridiku tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet: **John Bonnici v. Richard Vella** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi dawn huma s-segwenti:

> "a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (**reus in excipiendo fit actor**) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.
>
> b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż **jista' joxxilla minn parti għall-oħra**, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;
>
> ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi **iuxta allegata et probata**, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji

> għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni"

Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **<u>Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.</u>** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn ingħad illi:

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. **L-oneru hu distribwit** b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("**actori incumbit probatio**") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("**reus in excipiendo fit actor**"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

86. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern, il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi r-rikorrent la fl-affidavit tiegħu u lanqas fix-xhieda mogħtija *viva voce*, ma ta rendikont dettaljat tal-ikel li pprepara u li ħareġ dakinhar tat-tieġ (b'kuntrast mal-ikel li <u>kellu</u> joħroġ). Iffaċċjat bl-allegazzjonijiet persistenti tal-intimati u x-xhieda tagħhom illi diversi *items* speċifiċi kienu neqsin, ir-rikorrent kellu l-oneru fuqu illi jxejjen dawn l-allegazzjonijiet billi jindika bl-aktar mod ċar liema *items* kienu nħarġu, jekk hemm bżonn b'evidenza dokumentarja ċara jew ritratti. Minkejja illi esebixxa ritratti ta' xi *items* illi kien ipprepara dakinhar tat-tieġ l-Qorti tara li dawn juru biss tlettax-il *item*. Din l-istess osservazzjoni (ossia' dwar in-nuqqas tar-rikorrent li jressaq provi sodisfaċenti biex ixejjen l-allegazzjonijiet tal-intimati) diġà saret mill-Qorti ftit aktar 'l fuq f'din is-sentenza fil-kuntest tal-kwalità tas-servizz mogħti mir-rikorrent.

87. Il-Qorti għalhekk tqis illi kien hemm inadempjenza kuntrattwali fir-rigward tal-kwantità tal-ikel li kellu jinħareġ peress illi rriżulta ppruvat illi kien hemm numru sinjifikanti ta' *items* li ma ngħatawx.

88. Fir-rigward tal-ħelu u l-kejk, l-Qorti però tqis illi l-allegazzjonijiet tal-intimati u x-xhieda tagħhom kienu konfliġġenti biżżejjed sabiex jixħtu dubbji fuq il-veraċità tagħhom. Filwaqt li l-intimati jgħidu fl-*affidavits* tagħhom li mill-ħelu ordnat li kien fil-

*menu* ma ħareġ **xejn** u Doreen Sultana qalet li ħdejha ma kien wasal l-ebda tip ta' ħelu jew kejk, numru ta' xhieda fosthom Beverly Micallef u Jurgen Diacono xehdu li raw l-kejk u xi ħelu (skont Beverly Micallef, "*qagħaq tal-għasel maqtugħ bl-addoċċ*"). Filfatt dan tal-aħħar li kien jaħdem mal-Maypole xehed saħansitra illi waqt it-tieġ huwa għaraf li xi *items* kienu tal-Maypole fosthom il-ħelu, *"Assorted French Pastries"* u l-*Cassatella Siciliana.* Jirriżulta ukoll mir-riċevuti esebiti mir-rikorrent li huwa xtara diversi ingredjenti u *items* tal-ħelu mingħand *suppliers* u terzi bħal *Maypole.*

89. Dwar il-*cake* l-intimati stess qatt ma ċaħdu li ħareġ il-kejk (biss biss esebew ritratti fejn jidher l-istess *cake*) u filfatt l-ilment tagħhom dwaru kien fuq il-kwantità (skond huma r-rikorrent żamm ukoll għal żewġ kejkijiet oħra li kienu ġew ikkanċellati – xi ħaġa li l-Qorti diġà stabbiliet illi ma kienx il-każ, iktar 'l fuq f'din is-sentenza) u l-kwalità tiegħu fis-sens illi l-intimata qalet illi minkejja li huma ordnaw wieħed tal-lewż pur u *limoncello*, dawn kienu magħmulha bl-essenza tal-vanilla u bil-lumi. Dwar dan l-aħħar punt diġà ġie stabbilit mill-Qorti iktar 'l fuq illi l-Qorti ma tqisx li r-rikorrent kien inadempjenti f'dan ir-rigward. L-intimati qed jallegaw ukoll però illi r-rikorrent naqas milli jipprovdi l-kejk tal-lewż bħala parti mill-kejk tat-tieġ. Ir-rikorrent ċaħad din l-allegazzjoni u filfatt insista illi wara r-riċeviment huwa kien għadda nofs *slabs* ta' kejk tal-lewż lill-*best man.* Mill-atti[65] jirriżulta tabilħaqq illi r-rikorrent xtara kejk tal-lewż mingħand il-*Maypole*. Fuq bilanċ ta' probabiltajiet għalhekk il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma kienx inadempjenti fejn jidħol il-ħelu u l-*cake* fir-rigward tal-kwantitajiet mwegħda.

*Dwar il-kwantità tal-istaff u l-overtime*

90. Kif ġa ngħad iżjed 'l fuq f'din is-sentenza, mill-*emails* datati 17 ta' Settembru 2020[66] jirriżulta qbil bejn il-partijiet dwar l-*istaff* segwenti li kellu jinġieb mir-rikorrent:

- *Headwaiter* wieħed (għall-prezz ta' € 85 għal sitt siegħat u € 15 għal kull siegħa *overtime*)
- Tlett (3) *chefs* (għall-prezz ta' € 80 kull wieħed għal tmien siegħat u € 15 għal kull siegħa *overtime*)
- Żewġ (2) *assistant chefs* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal tmien siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Erbgħa (4) *barmen* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)

[65] Fol 287
[66] *Inter alia* fol 107

- Żewġ (2) *runners* għat-tazzi (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Għoxrin (20) *waiter* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)
- Tlett (3) *waiters* għal *Saturday set up* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*). Dawn ġej sussegwentement imneħħija fuq talba tal-intimati.
- Tlett (3) *cleaners* (għall-prezz ta' € 60 kull wieħed għal sitt siegħat u € 10 għal kull siegħa *overtime*)

91. Is-servizz ta' dawn l-*istaff* (għajr għall-*headwaiter* u c-*chefs)* ġie mikri lir-rikorrent mill-kumpanija G Staff Services Ltd.[67] Is-servizz tal-*headwaiter* ġie mikri lir-rikorrent mill-kumpanija Delicia Catering Ltd[68]. Mill-fatturi esebiti a fol 291-292 jirriżulta illi r-rikorrent ħallas għal dawn is-servizzi b'rata fissa. Fil-każ tal-*headwaiter* ħallas għal sitt siegħat (però b'rata mnaqqsa stante l-inċident li kien inqala' fejn tkeċċa mill-post), fil-każ tal-*kitchen helpers* għal ħdax-il siegħa u fil-każ tal-bqija tal-i*staff* għal għaxar siegħat.

92. Il-Qorti ġa stabbiliet ukoll illi l-intimata ma għandiex raġun fl-asserzjoni tagħha illi ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar iż-żewġ *runners* u t-tlett *cleaners* (jew aħjar *dishwashers)* li huma inklużi fil-kont tar-rikorrent.

93. Dwar l-ammont dovut għall-*headwaiter* l-intimati jisħqu illi dan m'hux dovut peress illi dan ħadem biss sat-3.30pm u m'għamilx is-sitt siegħat li kienu ftehmu minn qabel li jagħmel. Inoltre l-intimata tgħid illi wara kollox m'hemmx prova illi r-rikorrent effettivament ħallsu għax-xogħol mogħti. Dwar dan l-aħħar punt il-Qorti tqis li huwa rrilevanti **kemm** tħallsu, **minn min** tħallsu u **jekk** tħallsux l-*istaff* in kwistjoni min-nies li impjegawhom peress illi l-intimati huma estranji għall-ftehim li seta' kellu r-rikorrent ma' terzi dwar l-ingaġġ tagħhom. Daqstant ieħor huwa rrilevanti jekk ir-rikorrent ħallasx għall-*overtime* lit-terzi peress illi kwalunkwe diskrepanza bejn l-ammont li ħallas u l-ammont li qed jitlob mill-intimati m'huwa xejn ħlief *mark-up* u profitt li kull persuna fin-negozju tara li tagħmel. Dwar l-argument illi m'għandhomx iħallsu għall-*headwaiter* għaliex dan m'għamilx is-sitt siegħat pattwiti, il-Qorti kif ġa qalet iktar 'l fuq tħoss illi kien l-intimat li ma mexiex sew meta keċċa lill-*headwaiter* ħesrem mingħajr konsultazzjoni mar-rikorrent u għalhekk m'għandhomx issa

[67] Fol 292
[68] Fol 291

jippretendu illi ma jħallsux għas-siegħat li xorta waħda spiċċa jħallas għalihom ir-rikorrent.

94. Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' *chefs* fil-kċina, skont l-intimat, meta daħal fil-kċina biex jiffaċċja lir-rikorrent, huwa ra tlett persuni biss bħala *staff* u li l-bqija min-nies li ried ir-rikorrent ma kienux hemm. L-intimata min-naħa tagħha qalet illi minkejja li kienu ġew imwegħda *chefs* professjonali, dawn ma kienux tfaċċaw għajr għal *chef* wieħed li ma kienx ta' klassi u ieħor li kien qed jaqbad l-affarijiet b'idu u jixrob il-birra.

Min-naħa tiegħu r-rikorrent ċaħad illi kien hemm xi nuqqas ta' *staff* u filfatt kellu l-*full complement* inkluż sitta u għoxrin *waiter* u *staff* ieħor li kien kera s-servizzi tagħhom mill-kumpanija G Staff Services Limited.

Inoltre Edward D'Alessandro xehed illi t-tieġ kien wieħed *busy* ħafna u li fil-kċina huwa ra xi erbgħa, ħames *chefs* jew aktar li kienu qegħdin jsajru.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis illi m'huwiex il-każ illi kien hemm xi *staff* nieqes minn dawk li l-partijiet ftehmu fuqhom qabel it-tieġ.

95. Jonqos issa l-kwistjoni tal-*overtime*. Kif ġa ngħad, għalkemm kien hemm qbil bejn il-partijiet dwar ir-rati applikabbli għall-*overtime* ma jidhirx illi dawn ftehmu fuq xi ammont ta' siegħat minn qabel oltre mil-ħames siegħat tat-tieġ li kien previst bejn is-1pm u s-6pm u siegħa żejda sakemm jitilqu l-mistednin. Biss huwa ċar illi kien hemm qbil dwar il-kunċett li jkun hemm *overtime* u li allura l-*istaff* jaħdem oltre s-sitt siegħat "normali" (fil-każ tac-*chefs* u l-*assistant chefs*, tmien siegħat).

96. Mill-*emails* skambjati tlett ijiem qabel it-tieġ kien ċar ukoll, jew kellu jkun ċar għall-intimati, illi l-prezz totali ta' € 11,727.50 (ridott iktar tard fl-istess ġurnata tas-17 ta' Settembru 2020 wara li tneħħew it-tlett *waiters* li kellhom jidħlu lejliet it-tieġ) kien jeskludi l-VAT u l-*overtime* liema *overtime* qatt ma ntalab mill-intimati li jiġi *capped.* Issa l-intimat jargumenta fix-xhieda tiegħu illi kull fejn ħadem f'tiġijiet il-*waiters* dejjem jiġu ċċarġjati għall-ħin tar-riċeviment u għall-ħin li jagħmlu qabel jew wara ħadd ma jżomm tagħhom: "Ara kull tieg li taghmel inti, tmur fejn tmur, inti tigi c-cargjat ghas-service. Mela jekk naghmillek jien fl-ghaxra ta` bil-lejl nibqalek fi sala u noqghod nzarma bil-mod jigifieri inti, jien se nhallsek sa l-ghaxra ta` bil-lejl? Inti tithallas fi xhin tibda s-sala fi xhin tibda l-funzjoni sa kemm jispicca. Jekk inti ezempju nibda jiena l-preparation mis-sebgha ta` filghodu, ghandi nigi cargjat mis-seba` ta` filghodu? "

97. Min-naħa tiegħu r-rikorrent jgħid illi huwa normali f'kull tieġ li l-*istaff* jidħol qabel biex jipprepara għar-riċeviment (fost oħrajn billi jagħmlu *polishing* tat-tazzi) u jibqa' hemmhekk wara r-riċeviment sabiex jaħslu u jżarmaw kollox. Meta ġie mistoqsi mill-avukat tal-intimati jekk qattx kien ftiehem mal-intimati minn qabel dwar l-ammont ta' ħin ta' *overtime* li kien hemm bżonn, huwa wieġeb bil-kliem: "Le ma tistax, lanqas qatt". Għall-mistoqsija tal-Qorti dwar kienx hemm xi diskors mal-*bestman* dwar is-siegħat li kienu għaddejjin bħala *overtime* huwa wieġeb fl-affermattiv u tenna illi dak kien jaf kollox x'inhu għaddej fis-sens ta' x'kien qiegħed isir u filfatt kien l-aħħar persuna li telaq flimkien mar-rikorrent.

98. Il-Qorti tħoss illi jinkombi fuq l-intimati illi jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji **<u>qabel it-tieġ</u>** meta kienu jafu li l-prezz kien jeskludi l-*overtime,* sabiex jaslu f'xi forma ta' arranġament dwar il-*capping* tal-*overtime* jew għalinqas sabiex ikun hemm xi forma ta' *timesheet* li tittieħed matul ir-riċeviment bl-involviment tal-*bestmen.* Dan ma jfissirx lanqas però illi l-Qorti ser taċċetta l-ħinijiet tal-*overtime* mitluba mir-rikorrent b'għajnejha magħluqa u tippermetti li jsir xi abbuż f'dan ir-rigward.

99. Dwar il-ħin li daħlu l-*istaff* tiegħu, r-rikorrent xehed fil-kontroeżami tiegħu illi l-*waiters* daħlu fit-tmienja u nofs u c-*chefs* f'xi l-għaxra u nofs ta' filgħodu. Qal ukoll illi l-*bestman* kien ġie tard, ċioe għal xi l-għaxra ta' filgħodu, u l-*istaff* tiegħu kienu qed jistennewh biex jtihom iċ-ċavetta fejn kien qed jinżamm ix-xorb. *Huwa* ċaħad li xi ħadd mill-*istaff* tiegħu kellu jidħol jew daħal f'nofsinhar għaliex tenna illi tieġ ikun jirrikjedi numru ta' siegħat minn qabel fi preparazzjoni bħall-*polishing* tat-tazzi, armar tal-*bar* u preparamenti tal-ikel.

Min-naħa tal-intimati, il-*bestman* Kyle Micallef xehed illi x'ħin wasal fis-sala, il-*waiters* kienu għadhom ma' waslux għaliex dawn waslu għall-ħabta tan-nofs siegħa (12.30pm).

Il-*bestman* l-ieħor Mark Atkins għalkemm ma qalx meta waslu fuq il-post l-*istaff*, stqarr illi l-mistednin bdew ġejjin għal xi s-siegħa ta' wara nofsinhar (1pm).

Ix-xhud Edward D'Alessandro, li xehed *viva-voce* u liema xhud il-Qorti tqis bħala l-iktar wieħed li kien bilanċjat fix-xhieda tiegħu (u forsi l-inqas wieħed li kellu interess f'dak li qed jixhed), stqarr illi bħala l-*venue operator* ta' *Castello Dei Baroni* (fejn sar it-tieġ) huwa kien fuq il-post minn filgħodu kmieni peress li ried jiftħu biex jitlesta t-tindif. Għalkemm ma semmiex b'mod preċiż il-ħin meta kien ġie l-*istaff*, huwa tenna illi wara li fetaħ il-post kienu ġew ħafna *staff* f'daqqa u li dawn kienu mifruxa mal-*venue* kollu, fis-sens li kien hemm min kien qed jirranġa l-platti, min qed jagħmel it-

tazzi apparti li kien hemm ukoll ic-*chefs* (xi erbgħa jew ħamsa) li bdew jippreparaw l-ikel.

100. Dwar il-ħin meta l-*istaff* telaq mill-*venue,* l-intimati u x-xhieda tagħhom xehdu li t-tieġ spiċċa kmieni minħabba li ħafna mistednin bdew jitilqu u filfatt l-kejk inqata' għal xi 5pm/5.30pm. L-intimata esebiet prova tal-ħin meta t-tieġ kellu jispiċċa u dan billi uriet illi l-infermiera kienet skedata li tispiċċa x-xogħol tagħha fis-6pm u l-permess tal-isparar tal-murtali ukoll kien skedat għas-6pm. Inoltre l-*afterparty* li kien skedat li jibda mis-6pm sas-7.30pm kien tħassar xhur qabel it-tieġ minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-Covid-19.

Doreen Sultana xehdet illi ftit qabel ma telqet, ċioe għal xi 5.30pm, hija rat *minibus* b'xufier Malti li kien qed jistenna biex jgħabbi lil grupp ta' xi għaxra/tnax-il *waiter* li kienu inġabru biex jitilqu. Min-naħa tiegħu, Godwin Micallef ossia' id-direttur tal-kumpanija li kienet timpjega lill-*waiters*, xehed illi ma kienx jiftakar il-ħin eżattament meta l-*istaff* tiegħu telaq mill-*venue.*

Il-*bestman* Mark Atkins xehed illi fis-6pm kien itnemm kollox u li ma kien hemm l-ebda qbil min-naħa tiegħu illi l-*istaff* jibqa' hemm wara l-ħin, wisq anqas li jibqa' hemm sat-8.30pm. Skond hu, fil-ħin li telaq mis-sala (li kienu għal xi 8pm) kollox kien żarmat u l-istaff **<u>minkejja li kienu qegħdin hemm</u>**, ċertament ma kienux qed jaħdmu.

101. Kif ġa ngħad iktar 'l fuq, mill-fatturi esebiti a fol 291-292 jirriżulta illi r-rikorrent ħallas għal dawn is-servizzi b'rata fissa. Fil-każ tal-*kitchen helpers* ħallas għal ħdax-il siegħa u fil-każ tal-bqija tal-i*staff* għal għaxar siegħat. Il-Qorti tara li r-rikorrent qed jitlob bħala *overtime* tlett siegħat u nofs għac-*chefs* u *assistant chefs* (li skont hu ħadmu ħdax-il siegħa u nofs bejn 9am u 8.30pm) u erbgħa siegħat għal *waiters, runners, barmen* u *cleaners* (li skont hu ħadmu għaxar siegħat bejn 10.30am u 8.30pm). Issa huwa minnu li kemm ir-rikorrent u kemm Godwin Micallef ma esebew l-ebda *timesheet* li turi l-ħin preċiż meta l-*istaff* irrapporta fil-*venue* u meta spiċċaw ix-xogħol tagħhom, iżda l-Qorti tħoss li huwa inġustifikat l-argument tal-intimati illi huma għandhom iħallsu biss mill-ħin tas-siegħa ta' waranofsinhar sal-ħin tas-sitta ta' filgħaxija għax dak kien il-ħin tar-riċeviment. Kif sew qal ir-rikorrent, il-preparazzjoni tal-ikel u l-*polishing* (li m'huwiex biċċa xogħol ta' malajr) jieħdu l-ħin u kienu jirrikjedu li l-istaff konċernat ikun f'postu minn sew qabel ma jidħlu l-mistednin. Daqstant ieħor jieħu xi ħin l-iżbarazzar u l-ħasil wara l-avveniment. Inoltre huwa improbabbli li r-rikorrent ħallas lill-kumpanija G Staff Services Limited għal għaxar siegħat (fil-każ tal-*kitchen helpers* għal ħdax-il siegħa) ta' servizz mogħti mill-

impjegati tagħha jekk kif qed jgħidu l-intimati dawn ħadmu għal mhux iżjed minn sitt siegħat.

102. Fl-istess ħin il-Qorti tagħraf l-importanza tal-prinċipju li x-xogħol mogħti mill-appaltatur jrid ikun utli għall-appaltant. Għalhekk hija tqis illi jkun ġust u ekwu li tqis illi filwaqt li c-*chefs* (u l-assistenti tagħhom) daħlu jaħdmu fid-9am u l-bqija tal-i*staff* inkluż il-*waiters* daħlu fil-11am, kollha kemm huma waqfu jagħmlu xogħol utli għall-intimati mis-7pm 'l quddiem. Dan ifisser li l-Qorti sejra tnaqqas it-talba għall-ħlas tal-*overtime* minn tlett siegħat u nofs għal sagħtejn fil-każ tac-*chefs* (u l-assistenti) u minn erbgħa siegħat għal sagħtejn fil-każ tal-bqija tal-*istaff.*

*Dwar il-platti u pożati disposable u n-napkins*

103. L-intimati isostnu li huma ftehmu mar-rikorrent qabel it-tieġ illi huma ma riedux platti jew pożati li jkunu *disposable* u inoltre ftehmu illi l-ikel Indjan kellu jiġi servut f'kontenituri tal-*bamboo.* L-intimat meta xehed in kontroeżami qal li huma kienu ċemplu lill-MTA qabel it-tieġ u kienu ġew infurmati minnhom illi m'għandhomx jintużaw platti jew pożati *disposable* minħabba l-ambjent. Min-naħa tiegħu r-rikorrent xehed preċiżament bil-kontra, fis-sens illi kienu ftehmu bejniethom qabel it-tieġ illi hu għandu jixtri u jipprovdi platti u pożati *disposable.*

104. Il-Qorti ma sabet xejn fl-atti proċesswali li juri li l-partijiet kienu ftehmu qabel it-tieġ li ma jkunx hemm platti jew *cutlery* li jkunu *disposable.* Anzi, jekk xejn mid-dokument a fol 110, esebit mill-intimata stess, jidher messaġġ mibgħut lir-rikorrent (x'aktarx mill-intimat) fis-**16 ta' Settembru 2020** sabiex jinfurmah bis-segwenti: "Jekk ma lħaqtx xtrajt id-disposable cups for canapes ibgħatli lista nġibomlok jien please għax għandi 20 percent discount. Grazzi". Il-Qorti tara improbabbli illi l-intimati kienu lesti li jkollhom *disposable cups* għall-*canapes* iżda imbagħad mhux lesti li jkollhom platti jew pożati li jkunu *disposable*.

105. Dwar in-*napkins,* l-intimata u numru ta' xhieda tal-intimati xehdu li ma kienx hemm biżżejjed minnhom u li apparti hekk, nofshom kienu suwed u nofshom kienu bojod u kienu minn dawk li jinxtraw għad-djar u mingħajr *logo.* L-intimat saħaq li dan kien kontra l-ftehim li kellhom mar-rikorrent. Il-Qorti fliet l-atti proċesswali inkluż xi ritratti li ttieħdu ta' dawn in-*napkins* u tqis illi għalkemm m'humiex ta' xi kwalità għolja, fl-istess ħin ma jirriżultax li l-partijiet qatt kienu ftehmu dwar x'tip u x'kwalita' ta' *napkins* kellhom jiġu mogħtija lill-mistednin. Li huwa żgur pero huwa illi fiż-żmien in kwistjoni, *napkins* magħmula mid-drapp ma kienux permissibbli kif jixhed id-dokument a fol 321 tal-proċess.

106. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tqisx li kien hemm xi nuqqas min-naħa tar-rikorrent fir-rigward tal-provvista tal-platti u pożati *disposable* u tan-*napkins*.

*Dwar danni oħra*

107. L-intimati għamlu riferenza ukoll fix-xhieda tagħhom għal *cake topper* li xtraw għal € 46.50 li skond hu kien tħalla f'idejn ir-rikorrent u baqa' ma ħariġx fuq il-kejk tat-tieġ, kif ukoll għal *wedding grant* ta' € 1,000 li tilfu minħabba li r-rikorrent naqas milli jtihom riċevuta (li kellhom bżonnha għall-applikazzjoni appożita sabiex jingħataw il-*grant*). Skond l-intimata hija tippretendi li r-rikorrent jħallasha dawn l-ammonti għaliex hu kien responsabbli għal dawn id-danni.

108. Rigward il-*cake topper* jidher li dan verament qiegħed fil-pussess tar-rikorrent li jgħid li sabu taħt il-mejda tal-*cake* wara r-riċeviment u li huwa lest li jgħaddih lill-intimati meta jkun konvenjenti għalihom.

109. Fir-rigward tal-*grant* ġiet esebita korrispondenza fis-sens illi huma ma kienux intitolati għal elf euro *grant* minħabba li kellhom bżonn jesebixxu r-riċevuta fiskali tad-depożitu li kienu ħallsu lir-rikorrent, liema riċevuta baqgħet ma ngħatatilhomx mir-rikorrent.

110. Il-Qorti tqis però illi l-kontrotalba tal-intimati ma kienetx għall-likwidazzjoni u kundanna tar-rikorrent sabiex iħallas id-danni subiti minnhom iżda kienet espressament għar-rifużjoni tas-somma ta' € 9,600 li kienu ħallsu lir-rikorrent bħala depożitu. Naturalment it-talba għar-rifużjoni minnha nfusha hija ukoll talba għar-risarċiment tad-danni iżda f'dan il-każ id-danni qegħdin jiġu espressament indikati mill-intimati li jikkonsistu fis-somma ta' € 9,600 ġa mħallsa minnhom. Għalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida xi danni favur l-intimati fir-rigward tal-*cake topper* u *l-wedding grant* imsemmija.

**Kunsiderazzjoni: kwantifikazzjoni tad-danni subiti mill-intimati**

111. Fil-kuntest ta' dak li ngħad fil-paragrafi preċedenti rigward d-danni li jistgħu jingħataw lill-intimati, issa li rriskontrat li kien hemm element ta' inadempjenza min-naħa tar-rikorrent fl-eżekuzzjoni tal-appalt, il-Qorti trid tnaqqas mill-prezz totali, l-ammont li jirrappreżenta x-xogħol/servizzi li saru ħżiena. Kif ġie stabbilit iktar 'l fuq f'din is-sentenza, l-prezz totali tas-servizzi tar-rikorrent li kieku dawn ġew eżegwiti fit-totalita' tagħhom u skond is-sengħa u l-arti kien dak indikat fil-fattura annessa mar-rikors promotur, ossia' <u>€ 15,667.45 inkluż il-VAT.</u>

112. Il-Qorti kkunsidrat illi r-rikorrent kien adempjenti:

- fejn jidħol l-ikel Indjan,
- fejn jidħol il-kwalità tas-servizzi mogħtija,
- fejn jidħol il-kwantita' tal-ikel (numru ta' *items* tal-*wedding menù* baqgħu ma nħarġux),
- u fl-aħħar u mhux l-anqas fejn jidħol l-*overtime* peress illi talab għal iżjed minn kemm suppost.

113. Ġie ikkunsidrat ukoll illi fejn instab li kien inadempjenti, r-rikorrent naqas milli jiġġustifika din l-inadempjenza kuntrattwali tiegħu billi pereżempju jipprova li din seħħet minħabba fatturi li ma kellux kontroll fuqhom. Anzi, biex jingħad kollox, ir-rikorrent ċaħad u anqas biss irrikonoxxa li kien inadempjenti, imqar *in parte,* fl-għoti tas-servizzi tiegħu jew fl-ikel li serva.

114. Il-Qorti tqis illi *arbitrio boni viri* jkun ġust u ekwu illi tnaqqas il-prezz tal-*wedding menù* bi kważi tletin fil-mija (30%) ċioe minn € 6,750 għal € 4,750 (eskluż il-VAT), u l-prezz tal-mejda Indjana bin-nofs ċioe minn € 2,250 għal € 1,125 (eskluż il-VAT). Inoltre kif diġà indikat iktar 'l fuq, l-*overtime* mitlub għandu jitnaqqas minn tlett siegħat u nofs għal sagħtejn fil-każ tac-*chefs* (u l-assistenti) u minn erbgħa siegħat għal sagħtejn fil-każ tal-bqija tal-*istaff.*

115. Il-Qorti tqis ukoll illi l-intimati ħallsu lir-rikorrent is-somma ta' €9,600 bħala depożitu.[69] Ir-rikorrent jindika li tħallset lilu s-somma ta' €9,125 akkont tal-prezz iżda dan għaliex qed jikkunsidra illi € 500 (jew aħjar € 475) kienu mwegħda lilu bħala *tips* mill-intimati. F'dan ir-rigward l-intimati sostnew illi dawn it-*tips* kienu ser jingħatawlu biss li kieku għamel xogħol tajjeb u anke sabiex jagħmel *carvings* fuq il-ġobon u l-frott. Madanakollu *c-cheese table* u l-mejda tal-frott baqgħu ma sarux minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19. Il-Qorti tikkunsidra illi l-fatt biss illi l-intimati ma jridux jħallsu l-bilanċ mitlub mir-rikorrent u għamlu kontrotalba kontrih sabiex itihom lura dak li ħallsuh bil-quddiem, huwa prova ċara illi ma kellhomx u m'għandhomx pjaċir li jgħaddu l-ammont imsemmi bħala *tips* lir-rikorrent. Għalhekk il-Qorti sejra tqis li l-ammont tat-*tips* għandu jiġi rifuż lura.

[69] Fol 132

116. Jirriżulta għalhekk bilanċ ta' **<u>€ 1,580.50</u>** (inkluż il-VAT) favur ir-rikorrent li għandu jitħallas lilu mill-intimati. Dan ifisser li l-kontrotalba tal-intimati sejra tiġi miċħuda *in toto*.

**Deċiżjoni**

117. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi filwaqt li tilqa' parzjalment it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħhom inkluż il-kontrotalba, tilqà t-talbiet tar-rikorrent parzjalment billi:**

a. **tiddikjara li l-intimati huma debituri tar-rikorrent fis-somma ta' elf ħames mija u tmenin euro u ħamsin ċenteżmu (€1,580.50) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' catering mogħtija lilhom mir-rikorrent għat-tieġ tagħhom li seħħ nhar l-20 ta' Settembru 2020;**

b. **tikkundanna lill-intimati jħallsu dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-effettiv pagament.**

**Fir-rigward tal-ispejjeż, tiċħad it-talba kwantu għal dawk mitluba in konnessjoni mal-ittra uffiċjali datata 2 ta' Novembru 2020 stante illi ma ġiet ippreżentata l-ebda prova tagħha. Fir-rigward tal-bqija tal-ispejjeż dawn għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |